Ħarġa nru. 95 - Frar 2015

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



## Claudio Cassar L-Isportiv tas-Sena 2014

AKTAR F'PAĠNA 36

- FOOTBALL
- MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
- KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT
- SNOOKER
- ŻWIEMEL
- GOZO SPORT
- STORJA TAL-FOOTBALL MALTI

TeamSporT

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT




QICI
QIC International LLC

Call us on 2559 8000 - insurance@untours.com.mt

The company is regulated by the Malta Financial Services Authority and authorised to act as an insurance agency for QICI. QICI are rated A+ by Standard and Poor's.



# Frar 2015

L-avveniment ewlieni kien l-Isport Malta Awards 2014 - Għażliet Sportivi Nazzjonali liema preżentazzjoni saret fil-31 ta' Jannar, li għadda.

L-unur tal-Isportiv tas-Sena ntrebaħ minn Claudio Cassar wara li sar champion tad-dinja tal-Eight Ball Pool filwaqt li dak tal-Isportiva tas-Sena ntrebaħ minn Sue Abela tat-Ten Pin Bowling.

Fil-Kampjonat Premier, matul dan ix-xahar ingħata bidu għat-Tieni Fażi, jew aħjar għat-Tielet Round fejn il-punti ġew maqsuma min-nofs.

F'dan il-bidu tat-Tielet Round, iċ-champions Valletta ħadu skoss qawwi fit-tentattiv li jkomplu jżommu l-kuntatt mal-leaders Hibernians wara li sfaw megħluba minn Zebbug Rangers, 3-2, biex issa huma ddistakkati bi 11-il punti fil-konfront tal-Pawlisti.

Id-diviżjonijiet inferjuri huma aktar akkaniti fejn jidher li l-isfida se tibqa' inċerta sal-aħħar.

Saru magħrufa wkoll l-aħħar erba' timijiet fil-kompetizzjoni tal-FA Trophy wara li ntlagħbu l-kwarti-finali.

Barra minn hekk beda wkoll l-istaġun tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel fejn s'issa saru sitt programmi.

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ €25 voucher ma' TeamSporT

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-unur tal-Isportiv tas-Sena fl-Isport Malta Awards 2014?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 94 hija:*
**Latvja**

*Ir-rebbieħ huwa:*
Justin Zammit - Fgura






to London, Rome or Paris

including 3 nights' accommodation in a central 4 star hotel!

Valid for travel until 30th June 2015.

**Buy Private Car, Home, Health or Boat Insurance** from **Laferla Insurance Agency Ltd.** until **31st March 2015** and automatically enter into the draw with one ticket per policy purchased!

***Buy online*** to double your chances in the draw, with ***two tickets*** per policy purchased!

*Winner will be announced on our Facebook page on 6th April and will be notified by e-mail and telephone.*

Laferla Insurance Agency Ltd. are agents for:

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

*In collaboration with*
Flyaway Tours

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority. COM 20012015 882

Terms and Conditions apply and may be found on www.laferla.com.mt.








Ħarġa nru **95**
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900253
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Sales Persons**
Joseph Xuereb 9980 4283
Jason Giardina 9946 7037

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Joe Borg

***Cover - Claudio Cassar qed jirċievi t-trofew tal-Isportiv tas-Sena 2014 mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Chris Agius***

UNION PRINT CO. LTD

**SPORTIV huwa ppubblikat minn Union Print Co. Ltd Marsa Tel: 25900216**

**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal L-ORIZZONT fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**

# Werrej

6 **MFA**
Sport Malta Awards 2014... Sena ta' suċċessi għall-MFA

20 **Kampjonat Premier**
Hibernians jibqgħu għaddejjin... Valletta jibdew jinqatgħu mit-tiġrija

22 **FA Trophy**
Sirens... 'il bogħod minn kull sorpriża

24 **L-I Diviżjoni**
Taqtiegħa bejn il-ġirien St. Andrew's u Pembroke A.

25 **It-II Diviżjoni**
San Ġwann u Ħamrun S. jibdew jinqatgħu

26 **It-III Diviżjoni**
'Tliet timijiet bl-istess punti fil-quċċata

27 **Sports & Exercise**
Dr Kirill Micallef Stafrace

28 **Youth FA**
Għajnuna ta' 327,643 mill-MFA lin-Nurseries mis-'Solidarity Payments' tal-UEFA Champions League

30 **Maratona ta' Malta 2015**
Il-Marokkin Hajjy jirbaħ għall-ħames darba

32 **Gozo Sports**
Xewkija 'Tigers jiċċelebraw il-75 anniversarju mit-twaqqif tal-Klabb

34 **Meusac**
Erasmus+ jindirizza t-tmexxija tajba, il-ħajja attiva u l-inklużjoni soċjali fl-isport

36 **KMS**
Sport Malta Awards - Għażliet Sportivi Nazzjonali

40 **Snooker/Pool**
L-Under 21 u d-Doubles Open se jsiru f'Marzu

42 **Storja Football Malti**
Partiti kkaratterizzati minn ġlied u protesti

42 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Jingħata bidu għal staġun ġdid

46 **'Spot The Ball' u Tisliba**

**mfa.com.mt**

# Sport Malta Awards 2014

## Sena ta' suċċessi għall-MFA






Is-sena 2014 kienet waħda ferm pożittiva għall-futbol Malti u l-MFA. Dan kien espress waqt is-serata tal-Isport Malta Awards 2014, serata organizzata flimkien mill-Għaqda Ġurnalisti Sport u l-Kunsill Malti għall-Isport matul Jannar.

L-MFA irċeviet diversi unuri waqt dawn l-Għażliet. L-iżjed ta' prestiġju fosthom kien l-unur mogħti għall-organizzazzjoni f'Malta tal-Kampjonat Ewropew tal-UEFA għal timijiet Taħt is-17-il sena li sar f'Mejju tas sena l-oħra. Bjorn Vassallo, Segretarju Ġenerali tal-MFA, irċieva l premju speċjali tal Aqwa Avveniment tas-Sena organizzat f'Malta matul l-2014.

Permezz ta' dan l-avveniment, l-MFA rebħet ukoll it-titlu ta' Uffiċjal tas-Sena, unur li ntrebaħ minn Joe Cassar li kien it-Tournament Director ta' dan l-avveniment internazzjonali.

Lejn tmiem l-2014, il-UEFA kienet ukoll ippremjat lill-MFA għall-Kampanja Reach Out li saret waqt dan il-Kampjonat, li kellha l-għan li tattira kemm kien possibbli spettaturi lejn it-tliet stadiums fejn sar il-logħob. Il-kampanja kienet attirat total ta' 43,000 persuna.

Il-kowċ nazzjonali t-Taljan Pietro Ghedin, spiċċa fit tieni post fil kategorija tal-Aħjar Kowċ wara s-sensiela ta' riżultati kredibbli li kiseb it-tim nazzjonali taħt it-tmexxija tiegħu.

Unur ieħor konness mal-futbol intrebaħ mir-referee Mario Apap. Hu rebaħ il-kategorija tal-Aħjar Sportiv Għawdxi. Apap jifforma parti mill-Elite Class tar-Referees tal-MFA.









# L-MFA tinnomina lill-Prinċep Ali tal-Ġordan għall-Presidenza tal-FIFA

Norman Darmanin Demajo, President tal-MFA, ħabbar uffiċjalment li l-MFA kienet innominat lill-Prinċep Ali Bin Al Hussein mill-Federazzjoni tal-Ġordan, fil-kontestazzjoni tiegħu għall-President tal-FIFA. Dan ħabbru fil-bidu tal-ħames laqgħa tal-Kunsill tal-MFA għal dan l-istaġun.

Darmanin Demajo qal li dan sar qabel għalqu n-nominazzjonijiet għall-Presidenza tal-FIFA.

Hu qal li l-MFA kellha ħafna talbiet biex tinnomina kandidati li beħsiebhom jikkontestaw għal din il-kariga iżda l-għażla finali tal-MFA kienet favur il-Prinċep Ali Bin Al Hussein li l-għan tiegħu se jkun li jgħin lill-Assoċjazzjonijiet iż-żgħar.

Darmanin Demajo qal li biex kandidatura għall-President tal-FIFA tkun valida, kull kandidat irid ikollu ħames nonimazzjonijiet.

L-elezzjoni se ssir waqt il-Kungress tal-FIFA fi Zurich fid-29 ta' Mejju u mal-Prinċep Ali se jikkontestaw ukoll l-ex-player internazzjonali Portugiż Luis Figo u l-President tal-FA Olandiża Michael Van Praag, flimkien mal-istess Sepp Blatter li ilu jokkupa l-kariga tal-President tal-FIFA mill-1998.

Barra minn hekk, l-eks player Franċiż David Ginola kien ukoll wera l-interess biex jikkontesta imma l-kandidatura tiegħu qatt ma saret ... kif ukoll Jerome Champagne, li iżda ma sabx biżejjed nomini.

# Attian Group SRL sponsor ġdid tal-FA Trophy




Matul Jannar, l-MFA ħabbret li għandha sponsor ġdid għall-kompetizzjoni tal-FA Trophy. Dawn huma Attian Group li kienu introdotti mal-media meta anki sar it-tlugħ tal-poloz tal-kwarti tal-finali tal-kompetizzjoni. L-FA Trophy ilha tintlagħab f'Malta mill-1935.

Attian Group hija kumpanija Taljana tal-kostruzzjoni li tagħmel bini ċivili u industrijali u tispeċjalizza f'binjiet favur l-ambjent. Il-kunċett, id-disinn u l-kostruzzjoni tal-proġetti huma fil-viżjoni ta' proġetti ekoloġiċi.

Dan il-grupp waqqaf kumpanija f'Malta bl-isem ta' Attian Group Services Ltd. u għandha lil Antonio u David Attianese bħala diretturi.

L-MFA hija fiduċjuża li dan l-isponsorship ikun fit-tul li minnu jgawdi l-futbol Malti in ġenerali u t-tieni l-akbar kompetizzjoni f'Malta li tintlagħab fuq bażi ta' Knock-Out.



## Kampjonat Ewropew U-21

# Malta fi Grupp 1 mar-Rep. Ċeka u l-Belġju

Aktar kmieni dan ix-xahar, fil-kwartieri f'Nyon l-Isvizzera, fil-Kwartieri tal-UEFA, ittellgħu l-poloz tal-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena li se jsiru fil-Polonja, fl-2017.

Malta ittellgħet fi Grupp 1 mar-Repubblika Ċeka, il-Belġju, il-Montenegro, il-Moldova u l-Latvja.

"Grupp interessanti ħafna u diffiċli. Għandna żewġ pajjiżi meqjusin kbar għall-futbol f'dan il-livell. Ir-Repubblika Ċeka u l-Belġju huma fost l-aqwa. Il-pajjiżi l-oħra huma mill-eks-Jugoslavja jew mill-eks-Unjoni Sovjetika. Se nibdew naħdmu bis-sħiħ biex nippreparaw l-iskwadra bl-aħjar mod," qal il-coach Silvio Vella fl-ewwel reazzjoni tiegħu wara t-tlugħ tal-poloz preżenti fl-Isvizzera għal dawn il-poloz flimkien mas-segretarju tat-tim, Jesmond Abela.

Għal din il-kwalifikazzjoni, se jkun hemm disa' gruppi – sebgħa b'sitt pajjiżi u t-tnejn l-oħra b'ħames pajjiżi.

L-iktar grupp interessanti se jkun Grupp 2, fejn ittellgħu flimkien l-Italja u s-Serbja, iż-żewġ finalisti tas-sajf li għadda tal-Kampjonati Ewropew ta' Taħt il-21 sena li kienu saru fir-Repubblika Ċeka.

Id-dati proposti mill-UEFA li fihom iridu jsiru l-partiti tal-gruppi kollha huma dawn:

23 u 31 ta' Marzu 2015
8 u 16 ta' ġunju 2015
31 ta' Awissu 2015
8 ta' Settembru 2015
5 u 13 ta' Ottubru 2015
9 u 17 ta' Novembru 2015
21 u 29 ta' Marzu 2016
29 ta' Awissu 2016
6 ta' Settembru 2016
3 u 11 ta' Ottubru 2016

UEFA UNDER21 CHAMPIONSHIP

Għal Silvio Vella din se tkun l-ewwel esperjenza fil-gwida ta' dan it-tim nazzjonali.

Hu kellu partita waħda uffiċjali li kienet id-debutt kontra t-Turkija f'telfa ta' 3-0 fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali, wara li Ray Farrugia kien inħatar assistant kowċ tat-tim nazzjonali A. F'partita oħra ta' ħbiberija taħt il-kowċ Vella, Malta lagħbet kontra l-Azerbaijan, fejn ġiet draw ta' 0-0.

# Futbol tan-Nisa Mark Gatt jinħatar kowċ nazzjonali

Mark Gatt, l-ex-assistant kowċ ta' Pierre Brincat fit-tim nazzjonali Malti tan-nisa, inħatar il-kowċ nazzjonali tal-istess tim. Din id-deċiżjoni ttieħdet mill-Eżekuttiv tal-MFA u kienet konfermata waqt laqgħa tal-Kunsill tal-MFA ftit jiem wara.

Gatt ingħata kuntratt ta' sentejn u matul dan iż-żmien se jkun qed imexxi lit-tim nazzjonali Malti fit-tliet partiti minn Grupp 2 tar-round prelimanri għall-Kwalifikazzjoni għall-Kampjonati Ewropej 2017 kontra Georgia, Andorra u Faroe Islands.

Gatt se jkollu jassistih lil Frank Schembri li għalih se tkun l-ewwel esperjenza bħala kowċ fid-dixxiplina tal-Futbol tan-Nisa. Schembri nħatar ukoll kowċ nazzjonali tat-timijiet ta' Taħt id-19 u s-16-il sena.

Pierre Brincat, l-ex-kowċ nazzjonali sa mit-twaqqif tat-tim nazzjonali, inħatar Direttur tal-Football tan-Nisa fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.






# L-MFA se torganizza l-ewwel kors tal-UEFA Pro Licence f'pajjiżna





Fil-bidu ta' dan ix-xahar kien hawn f'Malta Frank Ludolph il-Kap tal-Football Education tal-UEFA u Dany Ryser membru mill-Jira Panel tal-UEFA. Huma ltaqgħu mad-Direttur tal-Coach Education u l-istaff.

Iż-żjara kellha l-għan biex jevalwaw jekk l-MFA hix preparata biex għall-ewwel darba f'pajjiżna torganizza il-kors tal-UEFA PRO Licence, possibbilment biex ikun introdott minn Settembru ta' din is-sena. Dan ikun pass kbir 'il quddiem fil-Coach Education u anki għall-futbol Malti, fejn il-kowċis jibdew jitħarrġu fl-ogħla liċenzja possibli.

Iċ-Ċentru Tekniku ħa ħsieb li jlaqqa' f'pajjiżna lil dawn iż-żewġ uffiċjali tal-UEFA mal-kowċis mill-Kampjonat Premier u l-Ewwel Diviżjoni f'Instructional Meeting u tkellmu dwar x'inhuma l-ħtiġijiet tal-logħba moderna.

Is-Sinjuri Ludolph u Ryser kemm damu f'Malta iddawru mall-faċilitajiet tal-MFA u kellhom laqgħa qasira mal-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo, il-Viċi President l-Avukat Dr Chris Bonett u mas-Segretarju Ġenerali Bjorn Vassallo.

Huma tkellmu dwar l-implikazzjonijiet futuri ta' dan l-ogħla kors li għandha l-UEFA.

Ludolph u Ryser ltaqgħu wkoll mal-parteċipanti li bħalissa qed jagħmlu l-liċenzja UEFA A biż-żewġ personaġġi jesprimu sodisfazzjon kbir tax-xogħol li qed jagħmel iċ-Ċentru Tekniku biex il-coaches Maltin jkomplu jgħollu l-livell u l-profil fl-aspetti kollha.

Kemm id-Direttur Tekniku tal-MFA, Robert Gatt u kif ukoll il-Kap tat-Taqsima tal-Coach Education, Stephen Grima, urew is-sodisfazzjoni tagħhom għad-deċiżjoni tal-UEFA li tagħti awtorizzazzjoni lill-MFA sabiex torganizza korsijiet f'din il-liċenzja.




# Klinika moderna ġdida fil-Millennium Stand

Bħala parti mill-operazzjonijiet kummerċjali tal-MFA, l-Assożjazzjoni Maltija tal-futbol investiet fi klinika medika ġdida, fejn is-servizzi offruti għall-atleti u l-pubbliku in ġenerali huma verament eċċezzjonali.

L-MFA kompliet testendi l iskema għall-klabbs tal-futbol li jidħlu membri u dan billi toffri pakkett preferenzjali fuq ir-rati diġá vantaġġużi tagħha, iżda mhux biss, l-iskemi qiegħdin ukoll ikunu offerti lill-organizzazzjonijiet oħra tal-isport.

Il-klinika, li qabel kienet f'parti oħra fil-konfini tal-Istadium Nazzjonali, issa se tkun qed tipprova varjeta iktar wiesa' ta' servizzi mħaddma minn terapisti professjonali li se jkunu responsabbli ta' faċilitajiet ġodda fl-isfera moderna tal-kura tas-saħħa.

Fost is-servizzi l-ġodda offruti se jkun hemm it-testijiet tal-Electro Cardiogram (ECG) kif ukoll faċilitá ġdida msejħa - Dedicated Limb & Joint MRI kif ukoll żona ta' rijabiltazzjoni fiż-żona stess tal-klinika. L-MFA qed tara li tipprovdi lill-klijent tagħha bl-aqwa servizz fit-trattament u r-rijabilitazzjoni tal-pazjenti.

L-istess klinika hija ferm aċċessibbli fit-tieni sular tal-Millennium Stand fi ħdan l-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali. Din il-klinika l-ġdida se tkun miftuħa mit-Tnejn sal-Ġimgħa u filgħodu nhar ta' Sibt.

Fost is-servizzi disponibbli permezz ta' appuntamenti mat-tabib l-isports, Dr David Attard, għal konsultazzjonijiet dwar injuries varji, insibu dawn li ġejjin:




1. BIODEX (Isokinetic jew Isometric functional testing & assessments)
2. Sessjonijiet ta' fiżjoterapija klinika
3. Terapija msejħa TECAR
4. Rijabilitazzjoni tal-isport speċifiku fosthom taħriġ fil-gym u fuq il-pitch (Partikolarament fir-rijabiltazzjoni ta' wara t-trattament mediku kif ukoll f'injury prinċipali)
5. Ultrasound dijanjostika għall-injuries muskolari
6. Taħriġ ta' prevenzjoni għall-sports injury
7. Sports Massage
8. Sports Taping




# Front komuni kontra l-Match-Fixing



Matul dan ix-xahar fil-Grand Hotel Excelsior, saret sessjoni ta' għarfien bl-isem 'Say No To Match-Fixing', organizzata mill-Malta Football Association.

Għal din il-laqgħa ħadu sehem uffiċjali tal-MFA u attendew rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija u s-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Chris Agius, Jason Azzopardi, Shadow Minister għall-Intern, David Agius, Kelliem għall-Isport u Kristy Debono, Kelliema għall-Kompetittivita f'isem l-Oppożizzjoni.

Attendew ukoll rappreżentanti mill-Malta Gaming Authority u l-Kunsill Malti għall-Isport.

Bjorn Vassallo, Segretarju Ġenerali tal-MFA, fetaħ din is-sessjoni billi qal li l-futbol hu l-aktar sport popolari fid-dinja u li b'xi mod jew ieħor kulħadd għandu xi konnessjoni miegħu. Hu qal li l-MFA għandha eluf ta' membri reġistrati magħha, filwaqt li l-futbol għandu ekonomija kbira li ssarraf f'attività kummerċjali enormi u li wkoll tinvolvi eluf ta' partitarji li b'passjoni jsegwu l-logħba.

Is-Segretarju Ġenerali saħaq li, "l-MFA m'għandhiex la l-għodda u lanqas l-awtorità sabiex jiġi investigat ir-reat kriminali tal-manipulazzjoni tal-avvenimenti sportivi u l-match-fixing fil-fond, u dan sabiex tikkuntrasta organizzazzjonijiet kriminali li qegħdin jinvolvu ruħhom fi frodi sportiva."

"Li nħarsu lejn l-abbuż u nħallu kollox għaddej mhux is-soluzzjoni. Ma nixtiqux naslu fejn waslu pajjiżi oħra, bl-istat tal-futbol totalment f'idejn persuni li jużaw l-isport għall-finijiet illeċiti tagħhom. L-MFA istrutturat ruħha sew internament, iżda għadu mhux biżżejjed biex naslu fejn nixtiequ u għalhekk qegħdin nitolbu l-intervent tal-partijiet kollha interessati fosthom il-partiti politiċi, il-Pulizija, l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-Malta Gaming Authority u l-Kunsill Malti għall-Isport," tenna Bjorn Vassallo.

It-tieni parti tas-sessjoni kienet tikkonsisti fi preżentazzjoni minn Franz Tabone, Integrity Officer tal-MFA, li fiha spjega lil dawk li attendew ix-xogħol li wettqet l-MFA f'dawn l-aħħar erba' snin, il-programmi edukattivi li l-MFA qiegħda twassal lill-membri tagħha u kif ukoll ingħatat analiżi dettaljata dwar is-sitwazzjoni attwali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni kemm fil-logħba lokali u kif ukoll f'dik internazzjonali.

Dr. Chris Bonett, Viċi President tal-MFA u Kap tad-Dipartiment Legali u Governanza, fl-intervent tiegħu tkellem dwar il-bżonn illi tiġi aġġornata l-Liġi dwar il-korruzzjoni fl-isport sabiex tirrifletti l-aspetti internazzjonali u t-teknoloġija moderna fil-ġlieda kontra l-match-fixing, kif ukoll il-ħolqien ta' struttura speċjalizzata li tinkludi l-uffiċjali pubbliċi u l-awtoritajiet sportivi kompetenti, liema strutturi diġà jeżistu f'pajjiżi oħra.

Fl-aħħar laqgħa tiegħu, il-Kumitat Eżekuttiv tal-MFA, approva t-tnedija ta' Anti-Corruption and Transparency Experts' Task-Force bil-għan li fiha jitlaqqgħu l-partijiet interessati biex jaħdmu kontra l-korruzzjoni u favur it-trasparenza u jiżviluppaw front komprensiv biex jiġġieldu l-match-fixing fl-isport.

L-uffiċjali preżenti għal-laqgħa lkoll qablu mal-proposti ppreżentati mill-MFA u mistennija jkunu mplimentati skond il-pjan ta' azzjoni li kien diskuss fl-ewwel laqgħa tat-Task-Force.



# Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni fl-Isport



Fl-ewwel laqgħa tat-*Anti-Corruption and Transparency Experts' Task-Force* il-partijiet kollha, b'mod unanimu, qablu mal-bżonn li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport lokali tintensifika ruħha u kkommettew ruħhom biex jimxu ma' pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-integrità fl-isport li għandu jwassal biex fi spazju ta' ftit xhur isir it-tibdil meħtieġ fil-Liġijiet Kriminali tal-pajjiż, fir-regolamentazzjoni tal-assoċjazzjonijiet nazzjonali, fil-poteri investigattivi mogħtija lill-Pulizija u fuq kollox fuq il-prevenzjoni permezz tal-edukazzjoni tat-tfal.

It-*Task-Force* li hi magħmula minn rappreżentanti tal-Malta Football Association, il-Ministeri tal-Intern u tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Parlamentari tar-Riċerka u Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, il-kelliema ewlenin għall-Ġustizzja u għall-Isport f'isem l-Oppożizzjoni, il-Korp tal-Pulizija, il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, il-Malta Gaming Authority u l-Kunsill Malti għall-Isport, qablet li dan il-pjan ta' azzjoni għandu jkun implimentat.

Fid-diskors tal-ftuħ, Bjorn Vassallo, Segretarju Ġenerali tal-MFA, saħaq kif il-membri kollha tat-*Task-Force* għandhom għal qalbhom l-isport u għalhekk kulħadd jaqbel li l-partijiet kollha għandhom jingħaqdu biex tinħoloq strateġija nazzjonali biex tipprevjeni il-manipulazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi.

Dan għax il-match-fixing, għalkemm hi sfida globali, hi sfortunatament problema tas-soċjetà tagħna wkoll. L-MFA minn dejjem kienet katalista u qed terġa' tkun fuq quddiem biex tqajjem għarfien u teduka dwar is-suġġett.

Il-Ministru tal-Intern, Carmelo Abela, tenna d-disponibbiltà totali tal-Gvern biex isir dak kollu neċessarju biex din il-problema ssir ħaġa tal-passat. Bħala bniedem li jħobb l-isport jixtieq jaħdem biex jara li r-riżultat ta' kull partita jibqa' inċert sat-tisfira finali.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Agius, saħaq dwar l-importanza li l-forzi kollha tal-pajjiż jaġġornaw ruħhom fuq dan is-suġġett li m'għadux biss reat sportiv iżda sar reat kriminali internazzjonali fuq il-livell tat-traffikar tad-droga u l-ħasil tal-flus.

David Agius, fl-intervent tiegħu, saħaq li l-Oppożizzjoni hi lesta wkoll li toffri d-disponibbiltà totali kollha tagħha biex isir dak kollu neċessarju biex jikkumbatti dan ir-reat, bil-ħolqien ta' qafas legali adekwat li jiggarantixxi l-integrità fl-isport.

Dan kien ikkonfermat ukoll minn Jason Azzopardi li fil-messaġġ tiegħu saħaq fuq il-bżonn li din it-*task-force* sservi ta' front magħqud u komuni kontra għadu komuni. Hu kompla li ma nistgħux nibqgħu ngħixu gidba u nħallu lil min iqarraq bina. Għalhekk jeħtieġ li tiġi addottata attitudni ta' tolleranza żero biex jiħraxu l-pieni relatati mal-korruzzjoni fl-isport u anki li tiġi mposta l-piena ta' priġunerija b'mod tassattiv.

Waqt il-laqgħa tat-*task-force*, l-Integrity Officer tal-MFA, Franz Tabone elenka x-xogħol kollu li għamlet l-MFA mis-sena 2010 sal-lum, 'il fuq minn 120 attività, u spjega li permezz tagħhom l-esponenti tal-MFA, bdew l-għarfien tagħhom fuq dan is-suġġett u llum saru esperti fil-qasam, tant li issa l-istess esponenti huma rikonoxxuti bħala tali mill-UEFA u korpi internazzjonali oħrajn.

Il-Viċi President tal-MFA, Dr. Chris Bonett, ippreżenta qafas tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali li għandu jwassal lill-partijiet biex jikkomettu l-entitajiet rappreżentati għal definizzjoni ċara ta' *match-fixing*, ir-reviżjoni tal-liġijiet eżistenti u r-regoli sportivi bil-għan li jżidu l-pieni assoċjati mar-reat, il-ħolqien u promozzjoni ta' programmi edukattivi għat-tfal.

Dan il-qafas kien approvat unanimament u l-partijiet se jiltaqgħu madwar xahar ieħor biex jikkonkludu dan il-pjan ta' azzjoni biex jixxandar lill-pubbliku.

Għal-laqgħa kien hemm ukoll preżent u għamlu l-interventi tagħhom Dr. Dominic Micallef, f'isem il-Malta Gaming Authority, Dr. Karen Zammit Southernwood, f'isem il-Kunsill Malti għall-Isport u Albert Mifsud, f'isem il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni.

# Adrian Azzopardi u Clayton Pisani jattendu korsijiet tal-UEFA f'Ateni



Aktar kmieni dan ix-xahar, ir-referis tal-FIFA Adrian Azzopardi u Clayton Pisani attendew żewġ korsijiet importanti tal-UEFA f'Ateni.

Bejn l-1 u l-5 ta' Frarm 2015, Adrian Azzopardi ppartecipa fl-24 edizzjoni tal-*UEFA Introductory Course* għal referis internazzjonali ġodda. Id-29 referis irġiel u t-23 referis nisa minn pajjiżi differenti Ewropej irċevew għadd ta' struzzjonijiet tekniċi u amministrattivi mingħand diversi membri tal-Kumitat tar-Referis tal-UEFA.

Il-parteċipanti f'dan il-kors ġew introdotti wkoll għal sessjonijiet speċifiċi ta' taħriġ, eżerċizzji relevanti għall-pożizzjoni tagħhom u l-moviment matul il-partita, kif ukoll għall-immaniġġjar aktar effettiv tal-logħba u l-plejers.

Saru wkoll testijiet mediċi u fiżiċi, kif ukoll test fil-lingwa Ingliża bħala parti minn programm ta' ħamest ijiem.

Il-parteċipazzjoni ta' Clayton Pisani fit-23 edizzjoni tal-*UEFA Advanced Course* għal referis internazzjonali stabbiliti li sar bejn it-2 u l-4 ta' Frar 2015, issegwi l-promozzjoni riċenti tiegħu għall-Ewwel Kategorija tal-UEFA.

Dan il-kors serva bħala rendikont tal-ewwel parti tal-istaġun, u kellu l-għan li jipprepara lill-aqwa 62 referi maskili u 18 il referi femminili fl-Ewropa għat-tieni nofs tal-istaġun.

Il-programm ta' dan il-kors intensiv mifrux fuq tlitt ijiem kien jinkludi informazzjoni teknika u sessjonijiet ta' prattika, filwaqt li l-parteċipanti kien jinħtiġilhom jgħaddu minn testijiet fiżiċi sabiex ikunu jistgħu jiġu appuntati mill-UEFA fil-partiti internazzjonali li jmiss.



# Fyodor Zammit jattendi kors tar-referis fir-Rumanija

Ir-referi Fyodor Zammit irrappreżenta lill-MFA f'kors tar-referis għall-Kategorija Elite li ġie organizzat mill-Federazzjoni Rumena ġewwa Brasov, ir-Rumanija bejn id-9 u t-13 ta' Frar 2015.

Malta kienet waħda minn tliet pajjiżi flimkien mal-Awstrija u l-Qatar li ġew mistiedna jibagħtu referi tal-ogħla kategorija għal dan il-kors intensiv, grazzi għall-kollaborazzjoni tajba li teżisti bejn Adrian Casha, id-Direttur tar-Refereeing tal-MFA u Kyros Vassaras, ic-*Chairman* tal-Kumitat tar-Referis fir-Rumanija.

Kyros Vassaras kien fil-fatt l-*instructor* ewlieni waqt dan il-kors, li matulu ġew trattati diversi temi importanti għar-referis, bħalma huma l-pożizzjoni u l-moviment tar-referi, l-immaniġġjar tal-frikiks, l-immaniġġjar tal-plejers, sitwazzjonijiet fil-kaxxa l-kbira, l-użu illegali tal-idejn, il-konfrontazzjoni, l-evalwazzjoni ta' daħliet irregolari, it-twaqqif ta' attakki promettenti u opportunitajiet ovvji ta' gowls, is-simulazzjoni, l-użu tal-assistenti referis addizzjonali, il-koperazzjoni bejn l-uffiċjali, il-komunikazzjoni tad-deċizjonijiet meħuda, ir-razziżmu, l-offside u l-*handsball*.

Il-parteċipanti kollha kellhom l-abbiltà teknika tagħhom assessjata permezz ta' għadd ta' *video tests*, filwaqt li saru wkoll sessjonijiet prattiċi u testijiet fiżiċi f'kundizzjonijiet diffiċli ta' temp mill-aktar kiesaħ.

Il-parteċipazzjoni ta' Fyodor Zammit f'dan il-kors hija konferma tal-impenn tal-MFA li tipprovdi tant opportunitajiet lir-referis Maltin sabiex jiżviluppaw dejjem aktar il-ħiliet tagħhom u jkabbru l-esperjenza internazzjonali tagħhom.

# Leif Lindberg imexxi Assistant Referees' Workshop f'Malta

Id-Dipartiment tar-Refereeing organizza *Assistant Referees' Workshop* ta' jumejn bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2015, ġewwa l-kwartieri tiegħu, f'Ta' Qali. Dan tmexxa mill-ispeċjalista tal-assistenti referis Leif Lindberg mill-Isvezja, megħjun minn Philip Agius, l-uffiċjal inkarigat mill-assistenti referis f'pajjiżna.

Saru sessjonijiet teoretiċi u prattiċi dwar it-teknika kif assistent referi jżomm il-bandiera, kif jiġri, kif jipprepara ruħu fiżikament u kif iżommu ruħu konċentrat. Leif Lindberg għamel użu minn għadd ta' *video clips* minn għadd ta' kampjonati barranin, filwaqt li Philip Agius mexxa sessjoni ta' analizi ta' sitwazzjonijiet minn partiti fil-Kampjonat Premier.

Fl-ewwel jum taż-żjara tiegħu fid-9 ta' Frar, Leif Lindberg għamel ukoll preżentazzjoni lir-referis u lill-assistenti referis mill-kategoriji kollha dwar il-koperazzjoni meħtieġa bejn l-uffiċjali tal-logħba waqt id-deċiżjonijiet meħuda. Għal din il-laqgħa ġew mistiedna wkoll ir-*referee observers*.

Saret ukoll Konferenza Stampa, li matulha Leif Lindberg tkellem dwar il-mumenti sbieħ tal-karriera tiegħu, fosthom il-Finali tat-Tazza tad-Dinja bejn il-Brażil u l-Ġermanja (2-0) fis-sena 2002, bħala assistent referi ta' Pierluigi Collina u l-Finali tal-EURO 2000 bejn Franza u l-Italja (2-1) bħala assistent referi tal-kompatrijott tiegħu Anders Frisk.

Mistoqsi mill-ġurnalisti preżenti dwar l-impressjonijiet tiegħu tar-refereeing f'pajjizna, Leif Lindberg stqarr li l-ħidma tiegħu fil-UEFA bħala *Referee Observer* u *Assistant Referees' Coach* kienet diġà tagħtu mpressjoni pożittiva tal-livell tal-uffiċjali Maltin, imma issa ra b'għajnejh ix-xogħol siewi li persuni bħal Adrian Casha u Philip Agius qegħdin jagħmlu sabiex minkejja ċ-ċokon tal-pajjiż, Malta għandha erba' referis internazzjonali irġiel, fosthom wieħed fl-Ewwel Kategorija tal-UEFA.

Fl-istess Konferenza Stampa, id-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha tkellem dwar l-*Assistant Referees' Workshop* bħala inizjattiva ġdida oħra li tagħmel parti mir-riforma tas-settur tar-refereeing f'pajjiżna u kif minn żmien għall-iehor l-MFA qiegħda ġġib fostna l-aħjar *instructors* tal-FIFA u l-UEFA sabiex teduka dejjem aktar lill-uffiċjali Maltin. Min-naħa tiegħu Philip Agius fisser kemm l-assistent referi għandu sehem importanti fit-tim tal-uffiċjali li jikkontrollaw partita u l-irwol tiegħu m'għandux jitqies bħala wieħed sekondarju għal dak tar-referi.







# "Enhancing Performance"
## It-tema tal-korsijiet tax-xitwa tar-referis




*"Enhancing Performance"* kienet it-tema tal-korsijiet tax-xitwa li d-Dipartiment tar-Referis tal-MFA organizza dan l-aħħar bi preparazzjoni għat-tieni fażi tal-kampjonati domestiċi rispettivi.

Minbarra l-*Assistant Referees' Workshop* għall-assistenti referis, nhar is-Sibt 14 ta' Frar ġie organizzat seminar ta' ġurnata għar-referis li jikkontrollaw partiti fl-erba' diviżjonijiet tal-kampjonati ewlenin organizzati mill-MFA, jiġifieri mill-Kampjonat Premier sat-Tielet Diviżjoni.

Fl-introduzzjoni tiegħu għal dan is-seminar, id-Direttur tar-Refereeing Adrian Casha tkellem dwar ir-responsabbiltà li għandhom ir-referis li jħejju ruħhom tajjeb għall-aħħar parti tal-kampjonati rispettivi li matulha jintrebħu jew jintilfu l-unuri. Huwa fisser kif it-tema ta' dan is-seminar għandha tagħti d-direzzjoni lil kull referi sabiex jagħmel ħiltu li jtejjeb lilu nnifsu mill-aspett fiżiku, tekniku u psikoloġiku.

Filgħodu *Penalty Area Decisions* kien l-ewwel suġġett trattat minn Kevin Azzopardi, filwaqt li l-Irlandiż John Feighery għamel preżentazzjoni dwar *Asserting Authority & Maintaining Match Control*. Segwew Adele Muscat dwar *Mental Toughness in Refereeing* u Franz Tabone dwar *More Awareness & Guidelines about Match Fixing*.

Is-sessjonijiet ta' waranofsinhar kienu *Technical Understanding of the Game* minn Stephen Grima, *The Need for Quality Training* minn Ronald Zammit, *Administrative Matters* minn Tom A. Restall, *Freekick Management* u *Evaluation of Challenges* minn Adrian Casha.

Bejn il-15 u s-16 ta' Frar sar seminar għar-*referee observers* mifrux fuq jumejn, fejn anki l-assessuri tħarrġu sabiex itejbu l-livell tagħhom waqt li jkunu qed josservaw lill-uffiċjali tal-logħba.

Adrian Casha irreveda mar-*referee observers* il-linjigwidi meħtieġa waqt il-ħidma tagħhom, filwaqt li Victor Mintoff fl-ewwel ġurnata kkoordina l-wiri ta' partita internazzjonali mill-Kampjonat Ewropew 2016 bejn il-Ġermanja u l-Iskozja u talab lill-parteċipanti jagħtu punteġġ lir-referi u l-assistenti referi tal-partita.

L-għada, Victor Mintoff għamel preżentazzjoni bil-marki differenti li ngħataw mill-parteċipanti u tal-punteġġi uffiċjali mogħtija mill-UEFA, li mhux neċessarjament qablu ma' dawk mogħtija mir-*referee observers* Maltin. Id-diskussjoni li saret fuq ċerti inċidenti f'din il-partita indikat il-ħtieġa tal-uniformità fil-mod kif l-assessuri jinterpretaw id-deċiżjonijiet meħuda mir-referi u l-assistenti tiegħu.



# Hibernians jibqgħu għaddejjin... Valletta jibdew jinqatgħu mit-tiġrija

Matul tmiem il-ġimgħa li għadda, ingħata bidu għat-tielet round tal-Kampjonat Premier biex issa ninsabu fid-dritta finali għar-rebħ tat-titlu kif ukoll għall-isfida tar-relegazzjoni.

Bla dubju, l-aktar li ddiżappuntaw kienu ċ-champions Valletta hekk kif proprju fl-ewwel partita ħadu skoss qawwi fit-tentattiv li jkomplu jisfidaw għar-rebħ tat-titlu meta sfaw megħluba minn Zebbug Rangers (3-2) biex issa jinsabu xejn inqas minn 11-il punt taħt il-leaders Hibernians.

Fil-verità, din hija indikazzjoni li Valletta huma maqtugħin mill-ġlieda għall-unuri minħabba li d-distakk ta' punti huwa wieħed kbir fil-konfront ta' Hibernians meta dawn tal-aħħar jinsabu f'burdata formidabbli hekk kif qed iwarrbu kull ostaklu li jiġi quddiemhom.

Barra minn hekk, il-Pawlisti għad iridu jiġu megħluba meta minn 23 partita, ġew miżmuma fi tliet okkażjonijiet biss ... bl-iskor identiku ta' 1-1 minn Tarxien Rainbows, Birkirkara u Mosta ... Dan ifisser li minn massimu ta' 69 punt, tilfu biss sitta.

Birkirkara huma l-uniku team li baqa' jżomm il-kuntatt ma' Hibernians, għalkemm jinsabu ddistakkati tmien punti mill-Pawlisti u għaldaqstant, iċ-ċansijiet tagħhom huma ferm remoti ... għalkemm fil-football kollox huwa possibbli.

Imma, fil-verità, dan il-Kampjonat ittrasforma lilu nnifsu f'dominju ta' Hibernians u jridu jkunu "vittma" tagħhom stess biex ir-rebħ tat-titlu ma jidħolx fir-Raħal il-Ġdid.

Il-ġlieda għar-raba' post, li jista' jfisser il-kwalifikazzjoni għall UEFA Europa League, jidher li se tkun missielta bejn l erba' timijiet ta' Balzan, Floriana, Sliema Wanderers u Mosta.

Il-konfronti diretti ta' bejniethom se jkunu determinanti fejn diġà ntlagħab dak bejn Balzan u Mosta li spiċċa fi draw ta' 1-1.

Imagħad hemm il-ħames timijiet ta' Zebbug Rangers, Naxxar Lions, Tarxien Rainbows, Pietà Hotspurs u Qormi li qed jissieltu għall-ġlieda kontra l-"għarqa" li tikkundannahom għall-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni.

Bejn Zebbug Ragners, li jinsabu fit-tmien post, u Qormi li jinsabu f'qiegħ il-klassifika, hemm differenza ta' tliet punti biss u għaldaqstant meta kull team fadallu li jilgħab 10 partiti, żgur li din in-naħa t'isfel tal-klassifika se tinbidel b'mod kontinwu biex finalmet kull team ikun jaf id-destin tiegħu.

Ritratti: Roger Azzopardi, Joe Borg u Ian Noel Pace













1. Il-formazzjoni inizjali ta' Hibernians li laghbet kontra Tarxien Rainbows (4-1)
2. L-ex player ta' Hibernians, Mario Muscat, illum coach tal-goalkeepers ta' Qormi, jippreżenta bukkett fjuri lill-captain ta' Hibernians, Andrew Cohen, qabel il-partita ta' bejniethom
3. Dylan Grima (Balzan) issikkat minn Jonas Ekani Rodrigues (Malta)
4. Trevor Cilia (Sliema W.) jirbaħ dwell kontra Edward Herrera (Birkirkara)
5. Andrew Cohen (Hibernians) jixħet cross fil-preżenza ta' Duncan Pisani (Qormi)




# 'Goal, the Official Encyclopedia of Maltese Football' Ir-Raba' Volum 1949-1959

Ir-raba' volum tax-xogħol tal-istoriku tal-futbol Malti, Karmenu Baldacchino ikopri l-perjodu bejn l-1949 u l-1959. Dan ix-xogħol huwa meqjus mill-MFA bħala l-istorja uffiċjali tagħha. Dan il-volum janalizza fid-dettall is-Snin Ħamsin meta il-logħba tal-futbol f'Malta kienet fl-aqwa tagħha.

Is-Snin Ħamsin kienu snin ta' bini mill-ġdid fejn għandu x'jaqsam il-futbol Malti. Matul dan il-perjodu il-logħba reġgħet bdiet mill-ġdid wara l-frakass li ħalliet warajha il-gwerra. Bil-mod il-mod il-futbol kiber sakemm reġa' ħa postu bħala l-akbar mezz ta' divertiment f'pajjiżna.

Is-Snin Ħamsin kienu snin ta' abbundanza. Il-livell tal-logħba kien għoli ħafna u l-entużjażmu tal-poplu kien kbir. Eluf kbar kienu jimlew l-Istadium kull ġimgħa u dawk li jiftakru dak il-perjodu kbir żgur li jiftakru b'nostalġija n-numru sabiħ ta' plejers kbar li żejnu l-logħba Maltija matul dak il-perjodu.

Min jista' qatt jinsa t-tim famuż tal-Ajax? Dan it-tim kbir Furjaniż iddomina l-futbol Malti matul dan il-perjodu. Iżda l-Ajax ma kienux waħidhom. Kien hemm ukoll it-timijiet kbar ta' Sliema Wanderers u dawk ta' Valletta, Hibernians u Ħamrun Spartans.

Is-Snin Ħamsin raw ukoll il-bidu tat-tim Nazzjonali Malti li laghab l-ewwel logħba internazzjonali tiegħu u fl-1957 kontra l-Awstrija.

Dak kien tassew mument kbir għalina l-Maltin meta għall-ewwel darba tim ir-rappreżenta l-pajjiżna bħala nazzjon.

Bħal kull perjodu ieħor is-Snin Ħamsin kellhom ukoll il-mumenti koroh tagħhom. Sfortunatament, matul dan il-perjodu l-vjolenza kienet xi ħaġa ta' kuljum fil-futbol Malti. Kien hemm ukoll każi ta' korruzjoni u anki diżgrazzja kbira fejn mietu żewġ partitarji tat-tim ta' Hibernians.

Il-finali ta' l-FA Trophy f'Mejju ta' l-1959 ġabet fi tmiem dan il-perjodu kbir fl-istorja tal-Futbol Malti u tat bidu għall-perjodu ieħor kbir li fih rajna l-logħba Maltija tinqata' mid-dipendenza tas-Servizzi Ingliżi u tieħu posta fl-Arena internazzjonali.

F'dan il-volum l-awtur jirnexxielu jaqbad ħafna minn dawk l-episodji sbieħ li żgur inġeddu l-memorji ta' dawk li jiftakru dak iż-żmien glorjuż.

Bħal ma għamel fit-tliet volumi ta' qabel, Baldacchino żamm l-istorja tiegħu f'ordni kronoloġiku. Il-ktieb hu maqsum f'erba' partijiet.

L-ewwel parti: Il-Futbol Domestiku

It-tieni parti: It-tim Nazzjonali

It-tielet parti: Timijiet barranin

Ir-raba' parti: Enċiklopedija tal-futbol Malti.

Filwaqt li l-ewwel tliet partijiet jirrakkontaw dak kollu li ġara fil-futbol matul dan il-perjodu, l-istorja hija kumplimentata b'ammont kbir ta' statistika. Dan jagħmel dan il-ktieb utli ħafna mhux biss għad-dilettant imma wkoll għall-ġurnalisti.

Ir-raba' parti hija enċiklopedija tal-futbol Malti fejn wieħed issib dak kollu li għandu bżonn dwar kompetizzjonijiet, plejers, referis, kowċis, uffiċjali, ġurnalisti, timijiet Maltin u barranin u ħafna affarijiet oħra.

Il-ktieb huwa ippublikat mid-ditta Horizons u jista' jinxtara mingħand Horizons, BDL u mill-ħwienet ewlenin f'Malta u f'Għawdex.

### II Round

**Logħba Nru 121 - 31.01.2015 - 14.00 hrs**

**Pietá Hotspurs** 1
C. Frances 19
**Naxxar Lions** 1
A. Buhagiar 37

HT 1-1 **Hibernians Stadium**

**Pietá H.** – 1-Miguel Montfort, 15-Karl Micallef, 5-Christian Grech, 4-Leonardo Fortunato dos Santos, 17-Jurgen Pisani, 2-Gabriel Joao da Silva, 14-Luke Micallef (7-Dylon Agius 77), 18-Orosco Anonam (10-Kyle Cesare 28), 9-Charles Newuche, 33-Claudio Frances (11-Ricardo Costa 74), 30-Rafael Rodrigues da Silva
*Coach* – Noel Coleiro
**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 3-Andrew Scicluna, 4-Ibok Edet, 8-Mattia del Negro, 9-Demba Toure, 10-Daren Falzon (7-Terrence Vella 46) (11-Duane Bonnici 89), 14-Gilmar da Silva Ribeiro, 18-Pablo Doffo, 19-David Fenech (6-Victor Bellia 68), 20-Angus Buhagiar, 23-Jorge Santos Silva
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Andre Arciola
Assistenti – Edward Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – O. Anonam, L. Micallef (PH); A. Buhagiar, T. Vella, V. Bellia (NL)

### II Round

**Logħba Nru 122 - 31.01.2015 - 16.00 hrs**

**Floriana** 1
M. Piciollo 30
**Tarxien Rainbows** 1
O. Darlington 50

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Douglas Felipe Moreira Cobo, 6-Emerson Marcelina (26-Sacha Borg 60), 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg, 9-Vito Plut, 11-Matteo Piciollo, 16-Emanuel Briffa, 20-Brooke Farrugia (19-Giovanni Galea 69), 23-Gary Muir, 27–Steve Bonnici
*Coach* – Giovanni Tedesco
**Tarxien R.** – 1-Jonathan Debono, 3-Kane Paul Farrugia (2-Steven Marc Sadowski 75), 4-Manuel Caruana, 7-Jorge Yepes Roda (22-Luke Zahra 90), 11-Eduardo Vallecillo Casado, 13-Ryan Sammut, 15-Jose Angel Godar Pe¬reira, 16-Ishmael Grech, 17-Alexander Cini, 21-Obinna Ajoku Darlington (8-Mikhail Schembri 90), 23-Manuel Bonaque Acevedo
*Coach* – Clive Mizzi
Referee – Mario Apap
Assistenti – Mitchell Scerri, Jurgen Spiteri
Raba' Uff. – Esther Azzo¬pardi
Ammoniti – R. Sammut, J. Yepes Roda (TR), S. Pisani, S. Borg (F)

### II Round

**Logħba Nru 123 - 31.01.2015 - 16.00 hrs**

**Qormi** 0
**Zebbug Rangers** 1
R. Yussuff 80

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Qormi** – 1-Matthew Farrugia, 3-Christopher Edafe Uzeh, 8-Marcelo Lima de Mattos (Bjorn Bondin 75), 10-Joseph Chetcuti (77-Leighton Grech 85), 11-Alfred Effiong, 14-Clifford Gauci, 17-Frank Temile (18-Ryan Micallef 64), 19-Emerson Vella, 21-Duncan Pisani, 22-Jonathan Bondin, 27-Billy Berntsson
*Coach* – Josef Mansueto
**Zebbug R.** – 26-Manuel Bartolo, 6-Yessouc Camilleri, 66-Lee Galea, 5-Paltemio Barbetti, 3-Jacob Borg, 11-Mat¬thew Bartolo, 25-Mathias Muchardi, 7-Kurt Zammit (14-Thomas Paris 69), 23-Rashid Yussuff, 27-Mauricio Britto (4-David Alejandro Reano 86), 9-Luke Montebello (17-Miguel Ciantar 78)
*Coach* – Alfonso Greco
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Duncan Sultana, Peter Abela
Raba' Uff. – Roberto Vella
Ammoniti – C. Uzeh (Q); L. Montebello, R. Yussuff (ZR)

### II Round

**Logħba Nru 124 - 31.01.2015 - 16.00 hrs**

**Hibernians** 1
E. L. Dos Santos 75
**Mosta** 1
H. Babangida 41

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Hibernians** – 1-Henry Bonello, 6-Jonathan Pearson, 8-Rodolfo Soares, 10-Andrew Cohen, 11-Bjorn Kristensen, 19-Johann Bezzina (2-Timothy Tabone Desira 73), 7-Jacskon Lima, 20-Andrei Agius, 21-Edison Luis dos Santos, 22-Joseph Essien Mbong (14-Jurgen Degabriele 65), 23-Jorge da Silva Pereira
*Coach* – Branko Nisevic
**Mosta** – 27-Omar Borg, 16-Karl Pulo, 22-Tyrone Farrugia, 32-Yannick Ossok, 18-Kurt Magro, 11-Gary Roberts, 21-Haruna Babangida (71-Mateus Ribeiro dos Santos 65), 10-Ian Zammit, 6-Ryan Grech, 3-Rodriguez Ekani, 7-Mickael Nicoise Dawood
*Coach* – Peter Smith
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Ingmar Spi¬teri, Luke Portelli
Raba' Uff. – Philip Farru¬gia
Ammoniti – R. Soares (2), J. Lima (H), R. Grech (2), G. Roberts (M)
Tkeċċew – R. Soares 69 (H); R. Grech 79 (M)

### II Round

**Logħba Nru 125 - 01.02.2015 - 14.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 1
T. Cilia 88
**Birkirkara** 1
R. Ledesma 19

HT 0-1 **National Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zam¬mit, 2-Alex Muscat, 4-Andrea Scozzese, 6-Joseph Borg, 7- John Mintoff (17-Peter Xuereb 62), 14-Fillipo Talato (10-Andrea Pisanu 69), 15-Marko Potezica, 16-Trevor Cilia, 24-Djumo Bocar, 28-Beppe Muscat (5-Axl Xuereb 79), 33-Stefano Biancardi
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Birkirkara** – 16-Justin Haber, 11-Eliandro Gonzaga, (20-Kurt Zammit 76) 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Latini Mazzetti, 19-Shola Shodiya,10-Rafael Ledesma, 4-Gareth Sciberras (3-Matheus Bissi 87), 2-Edward Herrera, 6-Paul Fenech, 7-Ryan Camenzuli, 21-Ryan Scicluna (8-Edmond Agius 65)
*Coach* – Paul Zammit
Referee – Laurent Kopriwa (Lussemburgu)
Assistenti – Ricardo Morais, Joaquim Da Silva (Lussemburgu)
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – T. Cilia, J. Borg, D. Bocar (SW), N. Vukanac, R. Scicluna, J. Haber, E. Herrera, P. Fenech (B)

### II Round

**Logħba Nru 126 - 01.02.2015 - 16.00 hrs**

**Valletta** 1
R. Fenech 26
**Balzan** 2
B. Kaljevic 9, G. Piccioni 73

HT 1-1 **National Stadium**

**Valletta** – 28-Nicholas Vella, 2-Jonathan Caruana, 3-Ian Azzopardi, 5-Ryan Camilleri, 6-Ryan Fenech, 8-Hamza Barry, 10 Rodorick Briffa, 21-Llywelyn Cremona (15-Lateef Elford-Alliyu 57), 24-Leeflang Djamel (18 Shaun Bajada 43), 30-Abdelkarim Nafti (22-Ikenna Paul Hillary 72), 36-Luke Dimech
*Coach* – Gilbert Agius
**Balzan** – 12 Steve Sultana, 4 Justin Grioli, 10 Dylan Grima (7-Lydon Micallef 85), 5-Samir Arab, 8-Edison Bilbao Zarate, 20-Terence Agius, 86-Bojan Kaljevic, 70-Oscar Dario Guerrero (15-Luke Sciberras 90), 16-Clive Brincat, 14-Gianmarco Piccioni (18-Ryan Darmanin 89), 23- Elkin Orlando Serrano Valero
*Coach* – Oliver Spiteri
Referee – Chris Lautier
Assistenti –Paul Apap, David Castillo
Raba' Uff. – Ingmar Spiteri
Ammoniti – R. Fenech, I. Azzopardi, L. Dimech (V), B. Kaljevic, G. Piccioni (B)


6


7


8










6. Jorge Pereira Da Silva (Hibernians) jiskorja kontra Tarxien Rainbows
7. Haruna Shola Shodiya (Birkirkara) attakkat minn Luke Dimech (Valletta)
8. Taqtiegħa għall-ballun bejn John Mintoff (Sliema W.) u Mikael Nicoise Dawood (Mosta)
9. Terence Vella (Naxxar L.) f'morsa bejn Paul Fenech u Joseph Zerafa (Birkirkara)
10. Luke Montebello (Zebbug R.) jaqbeż lil Andrew Scicluna (Naxxar L.)
11. Mark Scerri (Sliema W.) jiddefendi l-ballun minn Carlos Hevia Menendes (Tarxien R.)

## II Round

**Logħba Nru 127 - 07.02.2015 - 14.00 hrs**

**Mosta** 1
H. Babangida 57
**Sliema Wanderers** 2
A. J. Friggieri 71, J. Obagbemiro 82
HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Mosta** – 27-Omar Borg, 16-Karl Pulo, 15-Adrian Borg, 32-Yannik Ossoko, 18-Kurt Magro, 11-Gary Roberts, 10-Ian Zammit (25-James Brincat 88), 6-Ryan Grech, 3-Rodriguez Ekani, 7-Mickael Nicoise, 21-Haruna Babangida (83-Udo Fortune 77)
*Coach* – Peter Smith
**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 2-Alex Muscat, 4-Andrea Scozzese 7- John Mintoff, 8-Mark Scerri (6-Joseph Borg 58), 10-Andrea Pisanu, 15-Marko Potezica, 16-Trevor Cilia (18-Aidan Jake Friggieri 70), 21-Pedro Dos Santos Calcado (14-Junior Obagbemiro 78), 24-Djumo Bocar, 28-Beppe Muscat
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Roberto Vella, Jurgen Spiteri
Raba' Uff. – Marco Borg
Ammoniti – A. Borg, R. Grech (M), P. Dos Santos Calcado, J. Mintoff (SW)

## II Round

**Logħba Nru 128 - 07.02.2015 - 14.00 hrs**

**Naxxar Lions** 4
G. Da Silva Ribeiro 1, 65, J. Santos Silva 22, 53
**Zebbug Rangers** 0
HT 2-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi (12-Luke Pecorella 84), 3-Andrew Scicluna, 5-Frank Temile, 6-Victor Bellia, 8-Mattia Del Negro, 14-Gilmar da Silva Ribeiro (7-Terence Vella 78), 18-Pablo Doffo, 19-David Fenech (10-Daren Falzon 74), 20-Angus Buhagiar, 23-Jorge Santos Silva, 24-Albert Bruce
*Coach* – Jesmond Zerafa
**Zebbug R.** – 26-Manuel Bartolo, 6-Yessous Camilleri, 66-Lee Galea, 5-Paltemio Barbetti, 3-Jacob Borg, 11-Matthew Bartolo, 25-Matias Muchardi, 7-Kurt Zammit (17-Miguel Ciantar 59), 23-Rashid Yussuff, 27-Mauricio Osmar Rodrigues Britto, 9-Luke Montebello (4-David Alejandro Reano 75)
*Coach* – Alfonso Greco
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Paul Apap, Sammy Attard
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – F. Temile, D. Fenech (NL), K. Zammit, M. Bartolo, L. Galea (ZR)
Tkeċċa – F. Temile 23 (NL)

## II Round

**Logħba Nru 129 - 07.02.2015 - 16.00 hrs**

**Tarxien Rainbows** 1
S. Mouhamed 28
**Hibernians** 4
J. Pereira Da Silva 14, L. A.De Melo Lima 61, E.L. Dos Santos 82, C. Failla 90 pen
HT 1-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – 1-Jonathan Debono, 3-Kane Paul Farrugia (9-Triston Caruana 76), 4-Manuel Caruana, 11-Eduardo Vallecillo Casado (21-Darlington Obinna Ajoku 66), 14- Carlos Hevia Menendez (2-Steve Sadowski 90), 15-Jose Angel Godar Pereira, 16-Ishmael Grech, 17-Alexander Cini, 19-Matthew Tabone, 20-Soly Mouhamed, 23-Manuel Bonaque Acevedo
*Coach* – Clive Mizzi
**Hibernians** – 1-Henry Bonello, 4-Keith Tanti, 6-Jonathan Pearson, 7-Jackson Lima, 10-Andrew Cohen, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 19-Johann Bezzina (22-Joseph Essien Mbong 69), 20-Andrei Agius, 21-Edison Luis Dos Santos, 23-Jorge Pereira Da Silva (18-Luis Andre De Melo Lima 46) (14-Jurgen Degabriele 90)
*Coach* – Branko Nisevic
Referee – Alan Mario Sant
Assistenti – Edward Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – Andre Arciola
Ammoniti – C. Hevia Menendez, M. Tabone, J. A. Godar Pereira (TR); A. Cohen, B. Kristensen, H. Bonello (H)

## II Round

**Logħba Nru 130 - 07.02.2015 - 16.00 hrs**

**Balzan** 1
S. Arab 11
**Pietà Hotspurs** 2
C. Grech 13, C. Frances 44
HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Balzan** – 1-Christian Cassar, 4-Justin Grioli, 10-Dylan Grima (9-Jean Pierre Mifsud Triganza 57), 20-Terence Agius (50-Ice Cream Osa Guobadia 57), 8-Edison David Bilbao Zarate, 5-Samir Arab (11-Steve Bezzina 65), 18-Ryan Darmanin, 70-Oscar Dario Guerrero, 16-Clive Brincat, 7-Lydon Micallef, 23-Elkin Orlando Serrano Valero
*Coach* – Oliver Spiteri
**Pietà H.** – 1-Miguel Montfort, 15-Karl Micallef, 5-Christian Grech, 4-Leonardo Fortunato Dos Santos, 17-Jurgen Pisani, 18-Orosco Ndubisi Anonam, 14-Luke Emmanuel Micallef, 30-Rafael Rodrigues Da Silva, 9-Charles Nnaemeka Newuche (10-Kyle Cesare 86), 33-Claudio Frances, 11-Ricardo Costa (2-Joao Gabriel Da Silva 66)
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Mitchell Scerri, Chris Francalanza
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – R. Rodrigues Da Silva, O. Anonam (PH); C. Brincat (B)

## II Round

**Logħba Nru 131 - 08.02.2015 - 14.00 hrs**

**Floriana** 2
G. Muir 56 pen., M. Piciollo 58
**Qormi** 2
M. De Mattos 2, C. Gauci 14
HT 0-2 **National Stadium**

**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 4-Rodrigo Felix Aguiar (23-Gary Muir 50), 5-Douglas Felipe Moreira Cobo, 6-Emerson Marcelina, 9-Vito Plut, 11-Matteo Piciollo, 14-Conor Borg, 15-Neil Spiteri, 16-Emanuel Briffa, 20-Brooke Farrugia (19-Giovanni Galea 46), 26-Sacha Borg
*Coach* – Giovanni Tedesco
**Qormi** – 1-Matthew Farrugia, 6-Alejandro Mendoza (81-Alex Nilsson 62), 8-Marcelo Roberto Lima De Mattos, 9-Steve Agius, 11-Alfred Effiong, 14-Clifford Gauci, 18-Ryan Micallef (4-Bjorn Bondin 62), 20-Zoran Levnaic, 21-Duncan Pisani, 22-Jonathan Bondin, 27-Billy Berntsson
*Coach* – Mark Miller
Referee – Marco Borg
Assistenti – Thomas Debono, David Castillo
Raba' Uff. – Jurgen Spiteri
Ammoniti – V. Plut, Conor Borg (F); D. Pisani (Q)

## II Round

**Logħba Nru 132 - 08.02.2015 - 16.00 hrs**

**Birkirkara** 1
N. Vukanac 77
**Valletta** 1
R. Briffa 90
HT 0 0 **National Stadium**

**Birkirkara** – 16-Justin Haber, 2-Edward Herrera (23-Antoine Borg 85), 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 19-Shola Haruna Shodija, 3-Mattheus Bissi Da Silva, 6-Paul Fenech, 22-Zach Muscat, 24-Rowen Muscat (14-Nassir Ahmed Maachi 76), 7-Ryan Camenzuli (20-Kurt Zammit 90), 8-Edmond Agius
*Coach* – Paul Zammit
**Valletta** – 1 Pietro Demetrio Marino, 2-Jonathan Caruana (15-Lateef Elford-Alliyu 51), 3-Ian Azzopardi, 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Ryan Fenech, 8-Hamza Barry, 10-Roderick Briffa, 21-Llywelyn Cremona (18-Shaun Bajada 64), 30-Abdelkarim Nafti, 36-Luke Dimech (11-Vladimir Savicevic 85)
*Coach* – Gilbert Agius
Referee – Esther Azzopardi
Assistenti – Duncan Sultana, Luke Portelli
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – M. Mazzetti (B), S. Borg (V)



12


13


14



15

## KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 23 | 20 | 3 | 0 | 70 | 14 | 33 |
| Birkirkara | 23 | 14 | 4 | 5 | 42 | 22 | 25 |
| Valletta | 23 | 14 | 2 | 7 | 53 | 20 | 22 |
| Balzan | 23 | 9 | 8 | 6 | 36 | 34 | 18 |
| Floriana | 23 | 8 | 8 | 7 | 40 | 41 | 18 |
| Sliema W. | 23 | 8 | 6 | 9 | 29 | 33 | 17 |
| Mosta | 23 | 7 | 5 | 11 | 25 | 44 | 14 |
| Zebbug R. | 23 | 5 | 6 | 12 | 28 | 53 | 12 |
| Naxxar L. | 23 | 5 | 7 | 11 | 26 | 35 | 11 |
| Tarxien R. | 23 | 4 | 9 | 10 | 24 | 41 | 11 |
| Pietá H. | 23 | 5 | 6 | 12 | 19 | 38 | 11 |
| Qormi | 23 | 4 | 6 | 13 | 23 | 40 | 9 |

# Min qed jiskorja

24 – Edison Luis dos Santos (Hibernians).
16 – Jorge Pereira da Silva (Hibernians).
12 – Gianmarco Piccioni (Balzan); Elinton Costa Morais (Birkirkara).
11 – Bojan Kaljevic, 7 għal Mosta (Balzan); Rafael Ledesma (Birkirkara); Clayton Failla (Hibernians); Lateef Elford-Alliyu (Valletta).
10 – Vito Plut (Floriana); Hamza Barry (Valletta).
9 – Matteo Piciollo (Floriana); Mauricio Britto (Zebbug R.).
8 – Gilmar Ribeiro da Silva (Naxxar L.); Carlo Monti (Zebbug R.).
6 – Amadou Samb (Floriana); Andrew Cohen (Hibernians); Alfred Effiong (Qormi); Abdelkarim Nafti (Valletta).
5 – Jean Pierre Mifsud Triganza (Balzan); Haruna Shola Shodiya (Birkirkara); Claudio Frances (Pieta' H.); Alvaro Rodriguez Silva (Tarxien R.).
4 – Oscar Guerrero (Balzan); Uchannu Emenike, Terence Vella (Naxxar L.); Frank Temile (Qormi); Mark Scerri (Sliema W.); Ryan Fenech, Raphael Kooh Sohna (Valletta); Bojan Mamic, Luike Montebello, 3 għal Valletta (Zebbug R.).
3 – Ryan Darmanin, Edison Bilbao Zarate (Balzan); Steve Bonnici (Floriana); Rodolfo Soares (Hibernians); Daniel Mariano Bueno, Mateus Ribeiro dos Santos (Mosta); Papa Gueye (Naxxar L.); Luke Micallef, Jurgen Pisani, Rafael Xavier Zacarias (Pieta H.); Ryan Micallef (Qormi), Pedro Calcado dos Santos, Trevor Cilia, Bocar Djuma, Fabio Mangiacasale, Andrea Pisanu (Sliema W.); Firaz Aboulezz, Wesley Lima Silva, Carlos Menendez Hevia (Tarxien R.); Roderick Briffa, Alex Barbosa Terra (Valletta).
2 – Eliandro Gonzaga dos Santos, Paul Fenech, Ryan Scicluna, Nikola Vukanac (Birkirkara); Conor Borg, Douglas Cobo, Gary Muir, Steve Pisani (Floriana); Jurgen Degabriele, Marcelo Dias (Hibernians); Haruna Babangida, Mano Micallef, Ian Zammit (Mosta); Daren Falzon, Jorge Santos Silva (Naxxar L.); Duncan Pisani (Qormi); Aidan Friggieri, Guy Gnabouyou, Marko Potezika (Sliema W.); Triston Caruana, Eduardo Vallecelli Casado, Cleber Barbosa Viana (Tarxien R.); Ian Azzopardi, Shaun Bajada, Adrian Zahra (Valletta); Mathias Muchiardi, Rachid Yousuff (Zebbug R.).
1 – Samir Arab, Steve Bezzina, Osa Guobadia, Lydon Micallef, Elkin Serrano (Balzan Y.); Edmond Agius, Mateus Bissi da Silva; Ryan Camenzuli, Leyton Grech, Zach Muscat (Birkirkara); Brooke Farrugia, Giovanni Galea, Isaac Galea (Floriana); Andrei Agius, Johann Bezzina, Bjorn Kristensen, Luis Andre De Melo Lima, Jonathan Pearson (Hibernians); Adrian Borg, Mikael Nicoise Dawood, Sasa Jovanovic, Nemanja Milovanovic, Diogo Pinheiro da Souza, Jonas Rodriguez Ekani (Mosta); Angus Buhagiar, Emmanuel Ibok Edet (Naxxar L,); Terence Agius, Ososco Anonam, Kane Attard, Kyle Cesare, Christian Grech, Gabriel Joao da Silva (Pieta H.); Joseph Chetcuti, Clifford Gauci, Zoran Levnaic, Marcelinho, Mauricio Mazzetti, Anderson Santos, Emerson Vella (Qormi); Michael Mifsud, Junior Obagberimo, Peter Xuereb (Sliema W.); Matthew Tabone, Jorge Santos Silva, Obinna Darlington, Mouhamed Soly (Tarxien R.); Kurt Borg, Llewlyn Cremona, Djamel Leeflang (Valletta); Yessous Camilleri, Lee Galea (Zebbug R.).
**Auto-Goals (4)** – Elkin Serraro (Balzan kontra Qormi 1-1); Adrian Borg (Mosta v Hibernians 0-5); Karl

**12. Ir-referee Esther Azzopardi flimkien mat-terna arbitrali għal-logħba Birkirkara v Valletta**
**13. Steve Agius (Qormi) segwit minn Emerson Marcelina (Floriana)**
**14. Charles Naemeka Newuche (Pietà H.) jipprova jaqbeż lil Gary Muir (Floriana)**
**15. Taqtiegħa għall-ballun bejn Djamel Leeflang (Valletta) u Jacob Borg (Zebbug R.)**

## III Round

**Logħba Nru 133 - 21.02.2015 - 14.00 hrs**
**Valletta** 2
R. Fenech 60, K. Borg 84
**Zebbug Rangers** 3
M. Muchardi 25, R. Yussuff 45, L. Montebello 64
HT 0-2 **Hibernians Stadium**

**Valletta** – 1-Pietro Demetrio Marino, 2-Jonathan Caruana, 3-Ian Azzopardi (24-Djamel Leeflang 57), 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Ryan Fenech, 8-Hamza Barry, 15-Lateef Elford-Alliyu (21-Llywelyn Cremona 46), 18 Shaun Bajada, 30-Abdelkarim Nafti, 36-Luke Dimech (25-Kurt Borg 69)
*Coach* – Gilbert Agius
**Zebbug R.** – 26-Manuel Bartolo, 3-Jacob Borg, 5-Paltemio Barbetti, 25-Matias Muchardi, 6-Yessous Camilleri, 11-Matthew Bartolo, 23-Rachid Yussuff, 27-Mauricio Osmar Rodrigues Britto, 4-David Alejandro Reano, 14-Thomas Paris (7-Kurt Zammit 68), 9-Luke Montebello (17-Miguel Ciantar 82)
*Coach* – Alfonso Greco
Referee – Trustin Farrugia Cann
Assistenti – Peter Abela, Thomas Debono
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – . Yussuff, K. Zammit (ZR); R. Camilleri (V)

## III Round

**Logħba Nru 134 - 21.02.2015 - 16.00 hrs**
**Floriana** 2
M. Piciollo 51, K. Micallef 76 o.g.
**Pietá Hotspurs** 0
HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Floriana** – 1-Matthew Calleja Cremona, 5-Douglas Felipe Moreira Cobo, 6-Emerson Marcelina, 7-Steve Pisani, 8-Clyde Borg, 9-Vito Plut (10-Igor Coronado 65), 11-Matteo Piciollo, 14-Conor Borg (99-Manolito Micallef 86), 23-Gary Muir, 26-Sacha Borg, 27-Steve Bonnici (16-Emmanuel Briffa 35)
*Coach* – Giovanni Tedesco
**Pietá H.** – 1-Miguel Montfort, 15-Karl Micallef, 4-Leonardo Fortunato Dos Santos, 5-Christian Grech, 17-Jurgen Pisani, 2-Gabriel Joao Da Silva (10-Kyle Cesare 55), 30-Rafael Rodrigues Da Silva, 22-Cain Attard (7-Dylon Agius 77), 9-Charles Naemeka Newuche (11-Ricardo Costa 55), 33-Claudio Frances, 14-Luke Emmanuel Micallef
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Jurgen Spiteri, Luke Portelli
Raba' Uff. – Philip Farrugia
Ammoniti – M. Piciollo, S. Borg, S. Pisani (F); K. Micallef, K. Cesare, C. Frances (PH)
Tkeċċa – S. Borg 62 (F)

## III Round

**Logħba Nru 135 - 21.02.2015 - 16.00 hrs**
**Sliema Wanderers** 3
P. Dos Santos Calcado 6, M. Scerri 33, T. Cilia 71
**Tarxien Rainbows** 2
E. Vallecillo Casado 8, F. Aboulezz 68
HT 2-1 **Hibernians Stadium**

**Sliema W.** – 1-Glenn Zammit, 2-Alex Muscat (18-Aidan Jake Friggieri 81), 4-Andrea Scozzese, 7- John Mintoff, 8-Mark Scerri, 10-Andrea Pisanu, 15-Marko Potezica, 16-Trevor Cilia (9-Michael Mifsud 75), 21-Pedro Dos Santos Calcado (13-Clifford Gatt Baldacchino 86), 24-Djumo Bocar, 28-Beppe Muscat
*Coach* – Stephen Azzopardi
**Tarxien R.** – 1-Jonathan Debono, 5-Owen Bugeja (3-Kane Paul Farrugia 65), 9-Triston Caruana, 10-Firas Aboulezz, 11-Eduardo Vallecillo Casado, 13-Ryan Sammut, 14-Carlos Hevia Menendez, 16-Ishmael Grech, 20-Soly Mouhamed, 21-Obinna Ajoku Darlington (7-Jorge Yepes Roda 46), 23-Manuel Bonaque Acevedo
*Coach* – Clive Mizzi
Referee – Esther Azzopardi
Assistenti – Duncan Sultana, Sammy Attard
Raba' Uff. – Sandro Spiteri
Ammoniti – I. Grech, O. Bugeja (TR); M. Scerri, B. Muscat (SW)

## III Round

**Logħba Nru 136 - 21.02.2015 - 16.00 hrs**
**Balzan** 1
B. Kaljevic 10
**Mosta** 1
M. Dawood 7
HT 1-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Balzan** – 12-Steve Sultana, 4-Justin Grioli, 10-Dylan Grima (9-Jean Pierre Mifsud Triganza 66), 70-Oscar Dario Guerrero (50-Osa Ice Cream Guobadia 82), 8-Edison David Zarate Bilbao, 11-Steve Bezzina, 86-Bojan Kaljevic, 20-Terence Agius (18-Ryan Darmanin 81), 16-Clive Brincat, 14-Gianmarco Piccioni, 23-Elkin Orlando Serrano Valero
*Coach* – Oliver Spiteri
**Mosta** – 27 Omar Borg, 18 Kurt Magro, 22 Tyrone Farrugia, 5-Mark Brincat, 16-Karl Pulo, 11-Gary Roberts, 6-Ryan Grech, 3-Rodriguez Ekani, 20-Dyson Falzon (71-Alieu Darbo 60), 10-Ian Zammit (83-Udo Fortune 75), 7-Michael Nicoise Dawood
*Coach* – Peter Smith
Referee – Alan Marioi Sant
Assistenti – Edward Spiteri, William Debattista
Raba' Uff. – André Arciola
Ammoniti – C. Brincat (B), T. Farrugia, G. Roberts, R. Grech, I. Zammit (M)

## III Round

**Logħba Nru 137 - 22.02.2015 - 14.00 hrs**
**Birkirkara** 1
E. Herrera 28
**Naxxar Lions** 0
HT 1-0 **National Stadium**

**Birkirkara** – 16-Justin Haber, 2-Edward Herrera (3-Mattheus Bissi da Silva 86), 15-Nikola Vukanac, 5-Maurico Matias Latini Mazzetti, 19-Shola Shodiya Haruna, 14-Nassir Ahmed Maachi (13-Joseph Zerafa 68), 6-Paul Fenech, 22-Zach Musact, 24-Rowen Muscat, 7-Ryan Camenzuli (20-Kurt Zammit 77), 8-Edmond Agius
*Coach* – Paul Zammit
**Naxxar L.** – 1-Julian Azzopardi, 3-Andrew Scicluna, 4-Ibok Edet, 7-Terence Vella, 8-Mattia Del Negro, 10-Daren Falzon, 14-Gilmar da Silva Ribeiro, 18-Pablo Doffo, 20-Angus Buhagiar, 23-Jorge Santos Silva, 24-Albert Bruce
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Duncan Sultana, Jurgen Spiteri
Raba' Uff. – Alan Mario Sant
Ammoniti – M. Del Negro, T. Vella (NL)

## III Round

**Logħba Nru 138 - 22.02.2015 - 16.00 hrs**
**Hibernians** 2
E. L. Dos Santos 11, J. Pereira da Silva 78
**Qormi** 1
A. Effiong 90 pen
HT 1-0 **National Stadium**

**Hibernians** – 1-Henry Bonello, 5-Rui da Gracia Gomes, 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 10-Andrew Cohen (Jurgen Degabriele 87), 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 20-Andrei Agius, 21-Edison Luis Dos Santos, 22 Joseph Essien Mbong (3-Jean Paul Farrugia 79), 23-Jorge da Pereira da Silva (17-Marko Rajic 82)
*Coach* – Branko Nisevic
**Qormi** – 1-Matthew Farrugia, 6-Alejandro Mendoza, 8-Marcelo Roberto Lima De Mattos, 9-Steve Agius (77-Leighton Grech 34), 10-Joseph Chetcuti (4-Bjorn Bondin 76), 11-Alfred Effiong, 14-Clifford Gauci, 20-Zoran Levanic (17-Gustavo Villalobos 68), 21-Duncan Pisani, 22-Jonathan Bondin, 27-Billy Berntsson
*Coach* – Mark Miller
Referee – Mario Apap
Assistenti – Mitchell Scerri, Chris Francalanza
Raba' Uff. – Clayton Pisani
Ammoniti – B. Berntsson, L. Grech (Q)



1

TheFA TROPHY

Sponsored by ATTIAN

# Sirens ... 'il bogħod minn kull sorpriża



2



3



4

Wara li fir-round tal-Aħħar 16 tal-FA Trophy, it-team tat-Tieni Diviżjoni Sirens wettaq waħda mill-akbar sorpriżi meta elimina lil-leaders tal-Ewwel Diviżjoni, Gudja United, bl-iskor ta' 6-0, biex għall-ewwel darba fl-istorja tal-club wasal sa dan l-istadju, kien hemm aspettattiva kbira dwar l-eżitu tiegħu fil-partita kontra Qormi.

Iżda, jekk fir-round preċedenti kull dilettant tal-football beda jitkellem dwar il-bravura li wettaq fuq Gudja United, din id-darba dan it-team modest kellu jbaxxi rasu għall-qawwa ta' dak tal-Premier, Qormi, li ħareġ rebbieħ bl-iskor kbir ta' 7-0.

Il-holders Valletta, għelbu lil Mosta bl-iskor ta' 3-1 li kellhom lil Ousmane Koci imkeċċi ftit qabel tmiem l-ewwel taqsima li sa dak il-ħin l-iskor kien dak ta' 1-1 bil-goals jaslu minn Shaun Bajada (30) filwaqt li Gary Roberts (39) kiseb id-draw għal Mosta minn penalty.

Iżda bil-vantaġġ numeriku fit-tieni taqsima, Valletta skojraw darbtejn oħra minn Lateef Elford-Alliyu għal skor finali ta' 3-1.

Birkirkara kkwalifikaw għas-semi-finali ta' din il-kompetizzjoni b'rebħa ta' 3-0 fuq Pietà Hotspurs li mmaturat lejn l-aħħar kwarta.

L-eroj tagħhom kien il-player Olandiż, Nassir Ahmed Maachi (12, 76) li skorja doppjetta biex imbagħad Kurt Zammit (83) aċċerta mill-kwalifikazzjoni.

Hibernians kellhom imorru sal-għoti tal-penalties biex għelbu lil Balzan bl-iskor ta' 4-3 wara li l-partita spiċċat fi draw ta' 1-1.

Kien iż-żagħżugħ Joseph Mbong (30) li approfitta minn żball ta' Bojan Kaljevic.

Il-partita kienet waħda tensa, tant, li fit-76 minuta tkeċċa Edison Luis Dos Santos wara argument inutli ma' Oscar Guerrero fejn iż-żewġ players ġew murija l-karta s-safa u minħabba l-fatt li Dos Santos ġie mwissi qabel ... intbagħat jieħu d-doċċa kmieni.

Hibernians delħu resqin lejn ir-rebħa hekk kif ingħataw sitt minuti żejda ... iżda proprju fl-aħħar azzjoni ... Balzan kisbu d-draw permezz ta' volley ta' Ryan Darmanin biex il-partita kellha tmur għall-ħin barrani.

Bir-riżultat jibqa' l-istess, kellhom jingħataw il-penalties ... fejn rebħet l-esperjenza Pawlista.













## Kwarti-Finali (1)

13.02.2015 - 18.00 hrs

**Mosta** 1
G. Roberts pen 38
**Valletta** 3
S. Bajada 30, L. Elford-Alliyu 52, 60
HT 1-1 **National Stadium**

**Mosta** – 27-Omar Borg, 22-Tyrone Farrugia, 18-Kurt Magro (10-Ian Zammit 77), 5-Mark Brincat, 16-Karl Pulo, 3-Rodriguez Ekani, 11-Gary Roberts, 6-Ryan Grech, 71-Alieu Darbo (83-Fortune Udo 71), 23-Ousman Koli, 7-Mickael Nicoise Dawood (20-Dyson Falzon 71)
*Coach* – Peter Smith
**Valletta** – 1-Pietro Demetrio Marino, 3-Ian Azzopardi (16-Jean Borg 76), 4-Steve Borg, 5-Ryan Camilleri, 6-Ryan Fenech, 8-Hamza Barry, 10-Roderick Briffa, 15-Lateef Elford-Alliyu (25-Kurt Borg 81), 18-Shaun Bajada, 30-Abdelkarim Nafti (21-Llywelyn Cremona 65), 36-Luke Dimech
*Coach* – Gilbert Agius
Referee – Ben Connolly (Irlanda)
Assistenti – Darragh Keegan, Matthew Farrell (Irlanda)
Raba' Uff. – Sean Grant (Irlanda)
Ammoniti – R. Grech, O. Koli, G. Roberts (M), R. Camilleri, R. Fenech, A. Nafti (V)
Tkeċċa – O. Koci 41 (Mosta)

## Kwarti-Finali (2)

13.02.2015 - 20.00 hrs

**Balzan** 1
R. Darmanin 96
**Hibernians** 1
J. E. Mbong 30
*(Hibernians 4-3 bil-penalties)*
HT 0-1 **National Stadium**

**Balzan** – 12-Steve Sultana, 4-Justin Grioli, 10-Dylan Grima (7-Lydon Micallef 81), 15-Luke Sciberras, 8-Edison David Zarate Bilbao, 11-Steve Bezzina, 86-Bojan Kaljevic (18-Ryan Darmanin 86), 70-Oscar Dario Guerrero (9-Jean Pierre Mifsud Triganza 78), 16-Clive Brincat, 14-Gianmarco Piccioni, 23-Elkin Orlando Serrano Valero
*Coach* – Oliver Spiteri
**Hibernians** – 1-Henry Bonello, 5-Rui Da Gracia Gomes, 6-Jonathan Pearson, 7-Jackson Lima, 8-Rodolfo Soares, 10-Andrew Cohen, 11-Bjorn Kristensen, 13-Clayton Failla, 17-Marko Rajic (30-Jean Paul Farrugia 83), 21-Edison Luis Dos Santos, 22-Joseph Essien Mbong (19-Johann Bezzina 73)
*Coach* – Branko Nisevic
Referee – George Vadachkoria (Georgia)
Assistenti – Levan Varamishvili, Besik Chichinadze (Georgia)
Raba' Uff. – Giorgi Kruashvili (Georgia)
Ammoniti – L. Sciberras, O. Guerrero, J. Grioli, S. Bezzina, C. Brincat (B); B. Kristensen, E. L. Dos Santos, J. Bezzina (H)
Tkeċċa – E. L. Dos Santos 75 (H)
Penalties skorjati – **Balzan** - E. O. Serrano Valero, C. Brincat, G. Piccioni; - **Hibernians** – A. Cohen, R. Da Gracia Gomes, J. P. Farrugia, C. Failla.

## Kwarti-Finali (3)

14.02.2015 - 14.00 hrs

**Qormi** 7
A. Effiong 16, A. Nilson 24, M. R. Lima De Mattos 30, 83, Z. Levnaic 38, G. Villalobos 54, E. Vella 88
**Sirens** 0

HT 4-0 **Hibernians Stadium**

**Qormi** – 1-Matthew Farrugia, 8-Marcelo Roberto Lima De Mattos, 9-Steve Agius (19-Emerson Vella 78), 11-Alfred Effiong, 14-Clifford Gauci, 10-Joseph Chetcuti (4-Bjorn Bondin 69), 81-Alex Nilson (17-Gustavo Villalobos 46), 20-Zoran Levnaic, 21-Duncan Pisani, 22-Jonathan Bondin, 27-Billy Berntsson
*Coach* – Mark Miller
**Sirens** – 12-Gianni Spiteri, 5-Daniel Sant, 4-Adrian Beda, 23-Kristian Galea, 11-Adam Debattista, 20-George Falzon, 8-Daniel Cremona (16-Gary Grant 83), 10-John Debono (15-Colin Vella 76), 6-Justin Zammit (7-Ryan Sciberras 63), 18-Ricardo Severino Goncalves, 9-Lee Joe Schembri
*Coach* – Kevin Vella
Referee – Sean Grant (Irlanda)
Assistenti – Darragh Ileegan, Matthew Farrell (Irlanda)
Raba' Uff. – Ben Connolly (Irlanda)
Ammoniti – G. Falzon, J. Debono (S), M. R. Lima De Mattos (Q)

## Kwarti-Finali (4)

14.02.2015 - 16.00 hrs

**Birkirkara** 3
N. A. Maachi 14, 76, K Zammit 83
**Pietá Hotspurs** 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – 16-Justin Haber, 21-Ryan Scicluna (2-Edward Herrera 70), 15-Nikola Vukanac, 5-Mauricio Matias Latini Mazzetti, 19-Shola Shodiya Haruna, 14-Nassir Ahmed Maachi (20-Kurt Zammit 80), 6-Paul Fenech (17-Leon Muscat 87), 22-Zach Muscat, 24-Rowen Muscat, 7-Ryan Camenzuli, 8-Edmond Agius
*Coach* – Paul Zammit
**Pietá H.** – 24-David Cassar, 22-Cain Attard, 5-Christian Grech, 4-Leonardo Fortunato Dos Santos, 17-Jurgen Pisani, 18-Orosco Ndubisi Anonam (7-Dylon Agius 46), 10-Kyle Cesare (6-Neil Pace Cocks 76), 30-Rafael Rodrigues Da Silva, 9-Charles Nnamaeka Newuche (2-Joao Gabriel Da Silva 66), 33-Claudio Frances, 11-Ricardo Costa
*Coach* – Noel Coleiro
Referee – George Kruashvili (Georgia)
Assistenti – Levan Varamishvili, Besik Chicinadze (Georgia)
Raba' Uff. – George Vadachkoria (Georgia)
Ammoniti – O. Anonam, K. Cesare, L. Fortunato Dos Santos, J. G. Da Silva, C. Attard (PH); E. Agius (B)

1. **L-iskwadra ta' Sirens flimkien mal-coach Kevin Vella qabel il-partita kontra Qormi**
2. **Hamza Barry (Valletta) segwit minn Aliev Darbo (Mosta)**
3. **Jurgen Pisani (Pietà H.) jipprova jirbaħ il-ballun kontra Ryan Scicluna (Birkirkara)**
4. **Ricardo Costa (Pietà H.) jittakilja lil Nikola Vukanac**
5. **Il-president ta' Qormi Redino Apap wara r-rebħa fuq Sirens**
6. **Mark Brincat (Mosta) jikklerja l-ballun fil-partita kontra Valletta**
7. **Edison Luis Dos Santos (Hibernians) jipprova jaqbeż lil Justin Grioli (Balzan)**
8. **Taqtiegħa għall-ballun bejn Daniel Cremona (Sirens) u Marcelo De Mattos (Qormi)**

# Taqtiegħa bejn il-ġirien St. Andrew's u Pembroke A.

**30.01.2015**
**Centenary Stadium**
**Gzira U. v Gudja U. ..................0-0**

**31.01.2015**
**Centenary Stadium**
**Msida SJ v Fgura U. ..................1-2**
*Ryan Previ, J. R. Emeka (FU); D. Attard (MSJ)*

**Mqabba v Zurrieq ....................1-1**
*Miguel Attard o.g. (M); Dylan Darmanin (Z)*

**01.02.2015**
**Pembroke A. v St Andrew's....0-0**

**Birżebbuġ SP v St George's ....2-5**
*Jeremiah Ani, Edson Bonati (BSP); Larson Mallia 2, Mark Tanti, Anthony Bonello, Dieu Merci Ditutala (SG)*

**Victor Tedesco Stadium**
**Lija A. v Melita .........................2-1**
*Kane Micallef (M); Cleavon Frendo , Beppe Antignolo (LA)*

**Rabat A. v Vittoriosa S. ...........1-1**
*Carl Sammut (VS); Adam Smeir (RA)*

**06.02.2015**
**Centenary Stadium**
**Fgura U. v Lija A.......................4-2**
*Erjon Beu, A. Ige (LA); Roland Emeka, Quincy Bregman, Williams Abeeb Abiodun 2 (FU)*

**07.02.2015**
**Centenary Stadium**
**Zurrieq v Gzira U. ....................1-2**
*Moises Avila Perez o.g. (Z); John Nwoba, Jamie Pace (GU)*

**Vittoriosa S. v Pembroke A.....2-8**
*Ariel Laudisi 4, Carlo Mamo, Abubakar Bello Osagie, Ayrton Azzopardi 2 (PA); Francisco Arriagada Mella, Diego Fernando Pereira (VS)*

**08.02.2015**
**Luxol Stadium**
**St George's v Mqabba ..............1-3**
*Soares Guedes de Freitas 2, Stephane Tape (M); Anthony Bonello (SG)*

**St Andrew's v Msida SJ ...........2-1**
*Helder Souza (MSJ); Trayo Grozev, Michael Johnson (SA)*

**Victor Tedesco Stadium**
**Melita v Birżebbuġa SP ...........1-0**
*Kurt Coleiro (M)*

**Gudja U. v Rabat A...................2-4**
*Lawrence Chiedozie 3, Wayne Borg (RA); Angelo Catania, Adrian Carabott (GU)*

**20.02.2015**
**Centenary Stadium**
**Msida SJ v Pembroke A...........1-2**
*Helder Emanuel Souza Silva (MSJ); Ayrton Azzopardi, Lucky Omeruo (PA)*

**21.02.2015**
**Centenary Stadium**
**Lija A. v St Andrew's................1-4**
*Brian Said, Joseph Farrugia, Michael Johnson, Mark Scicluna (SA); Erjon Beu (LA)*

**Birżebbuġa SP v Fgura U.........0-1**
*Ryan Previ (FU)*

**22.02.2015**
**Luxol Stadium**
**Gzira U. v St George's .............1-2**
*Larson Mallia, Emerson Amaira (SG); Jeremiah Ani (GU)*

**Rabat A. v Zurrieq....................1-5**
*Osi Lucky Agboebina 3, Dylan Darmanin, Adrian Agius (Z); Aidan Azzopardi (RA)*

**Victor Tedesco Stadium**
**Gudja U. v Vittoriosa S. ...........0-2**
*Felipe Canavan, Lamine Ndiaye (VS)*

**Mqabba v Melita ......................0-1**
*Alexander Eby (Mel)*

1. **Lija Athletic v Gudja United**
2. **Gudja United v Vittoriosa Stars**
3. **Msida St Joseph v Pembroke Athleta**

**KIF JINSABU**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St Andrew's | 18 | 11 | 3 | 4 | 35 | 24 | 36 |
| Pembroke A. | 18 | 10 | 3 | 5 | 35 | 17 | 33 |
| Gzira U. | 18 | 10 | 2 | 6 | 31 | 21 | 32 |
| Fgura U. | 18 | 8 | 8 | 2 | 24 | 18 | 32 |
| Gudja U. | 18 | 8 | 6 | 4 | 32 | 19 | 30 |
| Melita | 18 | 9 | 2 | 7 | 23 | 19 | 29 |
| St George's | 18 | 8 | 4 | 6 | 31 | 26 | 28 |
| Vittoriosa S. | 18 | 7 | 5 | 6 | 29 | 29 | 26 |
| Mqabba | 18 | 7 | 4 | 7 | 27 | 28 | 25 |
| Lija A. | 18 | 8 | 1 | 9 | 28 | 31 | 25 |
| Rabat A. | 18 | 6 | 3 | 9 | 20 | 28 | 21 |
| Zurrieq | 18 | 4 | 2 | 12 | 20 | 34 | 14 |
| Msida SJ | 18 | 4 | 2 | 12 | 17 | 36 | 14 |
| B'buġa SP | 18 | 2 | 3 | 13 | 19 | 41 | 9 |



1


2


3

# San Gwann u Hamrun S. jibdew jinqatgħu

**30.01.2015**
**Luxol Stadium**
**San Gwann v Zejtun C. ...........0-1**
*Udojoh Ekele (ZC)*

**01.02.15**
**Charles Abela Stadium**
**Għargħur v Sirens ...................3-1**
*Daniel Cremona (S); Muda Fagbeja 2, Kevin Camilleri (Għ)*

**Għaxaq v Xgħajra T. .................3-1**
*Marvic Grech 2, Anton Florin (Għ); Royter Degiorgio (XT)*

**Luxol Stadium**
**Swieqi U. v Zabbar SP ............0-0**

**Dingli S. v Mellieħa ................0-1**
*Jake Farrugia (M)*

**Sirens Stadium**
**Marsa v Senglea A. .................1-1**
*Peter Anizoba Chizoba (SA); Ronnie Celeste*

**Siġġiewi v Hamrun S. .............2-1**
*Eman Ciappara, Warren Cushieri o.g. (S); Saturday Nanapere (HS)*

**06.02.15**
**Victor Tedesco Stadium**
**Hamrun S. v Dingli S. .............4-1**
*Jake Grech 3, Saturday Nanapere (HS); Dylan Mercieca (DS)*

**07.02.15**
**Charles Abela Stadium**
**Zejtun C. v Swieqi U. ...............0-1**
*Kenneth Ekezie (SU)*

**Senglea A. v Għaxaq ................4-0**
*Augustine James Obaje, Timmy Thomas 2, Gary Inguanez (SA)*

**Luxol Stadium**
**Zabbar SP v Siġġiewi .............1-2**
*Dillon Pace (ZSP); Kim Buhagiar, Jason Camilleri (S)*

**Xgħajra T. v Għargħur ............1-2**
*Roderick Zerafa (XT); Muda Fagbeja 2 (G)*

**Sirens Stadium**
**Mellieħa v Marsa .....................3-2**
*Stephane Sylla 3 (Mħ); Vilson Caushi (M)*

**Sirens v San Gwann ................1-2**
*Ryan Zammit, Shaun Vella (SG); Ricardo Severino Goncalves (S)*

**20.02.15**
**Luxol Stadium**
**Dingli S. v Zabbar SP ..............1-1**
*Dylan Micallef (ZSP); Alex Pedrozo (DS)*

**22.02.15**
**Centenary Stadium**
**Għargħur v Senglea A. ............0-1**
*Peter Chizoba Anizoba (SA)*

**Marsa v Hamrun S. ..................0-6**
*Rodney Refalo, Saturday Nanapere 2, Ryan Spiteri, Jake Grech, Ryan Bonello (HS)*

**Charles Abela Stadium**
**Għaxaq v Mellieħa ..................1-1**
*Ryan Cutajar (M); Dean Agius (Għ)*

**Xgħajra T. v Sirens ..................0-8**
*Daniel Cremona 2, Justin Zammit, Lee Joe Schembri, Ricardo Severino Goncalves 2, Ryan Sciberras, Ryan Theuma*

**Sirens Stadium**
**Swieqi U. v San Gwann ..........0-2**
*Isaac Zammit, Nezar Obouhaisa (SG)*

**Siggiewi. v Zejtun C. ..............0-2**
*Kenneth Abela, Jamie Mifsud (ZC)*


4


5


6

**4. Zejtun Corinthians v Swieq United**
**5. Għargħur v Sirens**
**6. Għargħur v Senglea Athletic**

**KLASSIFIKA**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| San Gwann | 18 | 13 | 3 | 2 | 37 | 12 | 42 |
| Hamrun S. | 18 | 13 | 1 | 4 | 51 | 16 | 40 |
| Senglea A. | 18 | 11 | 2 | 5 | 49 | 19 | 35 |
| Zejtun C. | 18 | 11 | 1 | 6 | 23 | 16 | 34 |
| Zabbar SP | 18 | 8 | 6 | 4 | 30 | 18 | 30 |
| Għargħur | 18 | 8 | 5 | 5 | 29 | 24 | 29 |
| Siggiewi | 18 | 8 | 3 | 7 | 29 | 32 | 27 |
| Mellieħa | 18 | 7 | 4 | 7 | 19 | 25 | 25 |
| Swieqi U. | 18 | 6 | 5 | 7 | 24 | 26 | 23 |
| Sirens | 18 | 6 | 4 | 8 | 28 | 29 | 22 |
| Marsa | 18 | 5 | 5 | 8 | 26 | 32 | 20 |
| Dingli S. | 18 | 3 | 4 | 11 | 15 | 33 | 13 |
| Għaxaq | 18 | 2 | 3 | 13 | 12 | 41 | 9 |
| Xgħajra T. | 18 | 1 | 2 | 15 | 13 | 62 | 5 |

# Tliet timijiet bl-istess punti fil-quċċata

31.01.2015
**Charles Abela Stadium**
**Kirkop U. v Mtarfa ..................0-2**
*Francesco Azzopardi 2 (M)*

**Kalkara v Mgarr U. ..................2-1**
*Oscar Aparicio Martin (MU); Andrea Hammet, Darren Cristina (K)*

**Luxol Stadium**
**Mdina K. v Ta' Xbiex ..............1-0**
*Andrew Caruana*

**Luqa SA. v Marsaskala ...........0-4**
*Denis Sytnik 3, Miguel Farrugia Spiteri (M)*

**Sirens Stadium**
**St Lucia v Marsaxlokk.............5-1**
*Mohammed Sanussi Atlesi 3, Jean Claude Annati 2 (SL); Dylan Attard (M)*

**St Venera L. v Attard ...............1-1**
*Kurt Zahra (A); Darren Farrugia (SVL)*

08.02.2015
**Centenary Stadium**
**Qrendi v St Venera L. .............2-0**
*Antoine Sacco, Bjorn Dalli (Q)*

**Marsaxlokk v Attard ...............0-3**
*Malcom Tirchett 2, Christian Abela (A)*

**Charles Abela Stadium**
**Marsaskala v St Lucia.............0-2**
*James Fenech, Mohammed Sanussi Atlesi (SL)*

**Ta' Xbiex v Luqa SA ...............0-1**
*Keith Borg o.g. (LSA)*

**Sirens Stadium**
**Mgarr U. v Mdina K. ...............2-2**
*Chris Tabone, Matthias Micallef (MU); Dalton Caruana, Luiz Doretto (MK)*

**Mtarfa v Kalkara ......................1-1**
*Jacob Camilleri (K); Cliven Mizzi (M)*

21.02.2015
**Charles Abela Stadium**
**Mdina K. v Mtarfa....................2-3**
*Mauro Busuttil, Cliven Mizzi 2 (M); Adrian Gatt 2 (MK)*

**St Lucia v Ta' Xbiex .................4-2**
*Mohamed Sanussi Atlesi, Joshua Cutajar, Malcolm Celeste, Jean Claude Annati (SL); Allistair Bezzina 2 (TX)*

**Luxol Stadium**
**St Venera L.v Kirkop U. ..........1-2**
*Darren Farrugia (SVL); Clive Fenech, Michael Zammit (KU)*

**Marsaskala v Marsaxlokk ......2-2**
*Denis Sytnik 2 (Msk); Dylan Attard Paul Paris (Mxk)*

**Sirens Stadium**
**Luqa SA. v Mgarr U. ................1-2**
*Joseph Paul Zammit 2 (MU); Wayne Cuschieri (LSA)*

**Attard v Qrendi .......................0-1**
*Antoine Sacco (Q)*










**7. Mdina Knights v Mtarfa**
**8. Kirkop United v Mtarfa**
**9. Qrendi v St Venera Lightnings**

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kirkop U | 16 | 10 | 3 | 3 | 39 | 12 | 33 |
| Mgarr U | 17 | 10 | 3 | 4 | 36 | 18 | 33 |
| St Lucia | 17 | 10 | 3 | 4 | 32 | 16 | 33 |
| Qrendi | 16 | 9 | 4 | 3 | 24 | 18 | 31 |
| Mtarfa | 17 | 8 | 5 | 4 | 30 | 16 | 29 |
| Attard | 16 | 8 | 2 | 6 | 30 | 17 | 26 |
| Marsaskala | 17 | 6 | 6 | 5 | 22 | 18 | 24 |
| St Venera L | 16 | 6 | 4 | 6 | 16 | 17 | 22 |
| Kalkara | 16 | 6 | 3 | 7 | 16 | 30 | 21 |
| Mdina K | 17 | 3 | 8 | 6 | 23 | 27 | 17 |
| Luqa SA | 17 | 3 | 4 | 10 | 15 | 41 | 13 |
| Marsaxlokk | 17 | 2 | 4 | 11 | 12 | 39 | 10 |
| Ta Xbiex | 17 | 1 | 3 | 13 | 11 | 37 | 6 |

# Recovery after Marathon



The Malta full and half marathon and the recently added walkathon are the major road racing event of the Maltese Isles. The majority of the participants would have been preparing months if not years for this event. However, often what I have found is that participants neglect what to do after the race.

A number of participants would have been carrying various niggles, aches and pains that would have developed in the latter months of training and as such have the tendency of being ignored since nobody wants to disrupt their training schedule so close to the race. More often than not these are then aggravated by the race itself. Once again many take the ' it will pass' approach and do not get them checked out believing that rest will cure everything. I cannot stress enough how wrong this is. Pain is a clear signal by your body that something is not right. Often it is something minor and easily managed without a disruption of training, however, if neglected we will face the consequences.



Another issue post race that is quite common is the neglect of an appropriate recovery. The seasoned athlete knows this and adapts his training accordingly. Newbies in the half and full race, more so if they do well, tend to jump straight into full training without giving their body time to reboot. Especially following the full marathon the main training goal is to help the body recover. For some this takes a couple of weeks, for others this might mean months. Age, fitness, experience, injuries, proper rest are just a few of the factors that determine the duration of this essential recovery time.

Nutrition is stressed throughout the training and has a major impact during the race itself. We must therefore not neglect that post race it is vital, especially the first few hours, and should be based on a diet high in carbohydrates and protein and ensuring adequate hydration. Relaxing a bit your dietary intake after this period is the norm and is probably even advisable as it is another element of the recovery process.

At the end of it all it all boils down to common sense. Stretching well after the race and repeatedly in the following days, going for walks and easy jogs in the subsequent weeks, appropriate diet, proper sleep, maybe a massage or two and yes once again I stress get your aches checked out.

Dr Kirill Micallef Stafrace is a sports and exercise medicine consultant and a senior lecturer in sport sciences. He is also Vice President of EFSMA.

sportmedicinedoc@gmail.com

 minn Joe Micallef - Segretarju Ġenerali YFA

# Għajnuna ta' €327,643 mill-MFA lin-Nurseries mis-'Solidarity Payments' tal-UEFA Champions League.




Ix-xahar ta' Jannar kien wieħed importanti għall-Assocjazzjoni għaliex fih ġie ffirmat ftehim ġdid ta' sponsorship bejn il-Youth FA u l-APS Bank bħala sponsor ewlieni għat-tliet staġuni tal-Kampjonati U15 u U17. Matul l-istess serata n-nurseries gew mogħtija għajnuna finanzjarja mill-MFA permezz tas-Solidarity Payments mill-profitti tac-Champions League.

Wara xhur ta' laqgħat bejn l-APS Bank u l-Youth FA, nhar il-Ħamis 29 ta' Jannar 2015, ġie ffirmat il-ftehim ġdid li jkopri sponsorship ieħor mill-APS Bank għal tliet staġuni oħra u li dan jeskadi fit-tmiem l-istaġun 2017/2018. L-APS Bank sar sinonimu mal-kampjonati tal-Youth FA U15 u U17, kif ukoll dan jissiġilla 'il fuq minn 10 snin ta' koperazzjoni bejn l-APS Bank u l-Youth FA. Fid-diskors tiegħu l-president tal-Youth FA qal, li f'kull ftehim wieħed wara ieħor, l-APS Bank dejjem fehem l-importanza li jkompli jgħin lil eluf ta' żgħażagħ li permezz tal-futbol jersqu lejn edukazzjoni fiżika sana, kif ukoll jinżammu bogħod minn postijiet li jistgħu jkollhom rifless ħażin fuq l-iżvilupp u l-karattru tagħhom. Patrick Aquilina, Senior Marketing Manager tal-APS Bank, esprima s-sodisfazzjon tiegħu li dan kien ftehim ferm għal qalb il-Bank, għaliex bih kien qed ikun ta' ġid għal dawn iż-żgħażagħ permezz tal-logħba li tant iħobbu. Is-Sur Aquilina qal li l-Bank jemmen fiż-żgħażagħ tant li, apparti dan l-isponsor ta' kull sena, l-APS Bank jassoċja ruħu ma' fond ieħor flimkien mal-MFA u Global Security ta' 'Play Fair' liema għajnuna tigi mogħtija lil dawk it-timijiet fil-Kampjonati APS Bank U15 u U17 li jkunu l-aktar dixxiplinati f'dawn il-kampjonati. Il-Bank ma jħarisx lejn xi profitt minn dan l-isponsorship, iżda jrid li jassigura li jgħin f'kawża importanti, li fiha huma nvoluti tant u tant żgħażagħ. B'dan l-isponsorship, in-nurseries qed jiġu megħjuna biex jitnaqqsu partijiet sostanzjali ta' ħlasijiet, li kieku, in-nurseries iridu jħallsu biex jinżammu l-kampjonati.

Waqt l-istess attività, Ramon Zammit ex-Head Coach f'diversi nurseries, u fil-preżent coach ta' Fgura United, ippreżenta kopja lil kull nursery bil-ktieb tiegħu 'L-istorja tat-Tazza tad-Dinja'. Ktieb

interessanti ferm b'il fuq minn 700 paġna b'tagħrif, kurżitajiet u ritratti. Il-ħidma ta' riċerka għal dan il-ktieb ħadet 'il fuq minn 10 snin, fejn filwaqt li kellha tkun dedikata għat-tfal spiċċat biex saret għejjun ta' informazzjoni mhux biss għat-tfal, iżda għal dawk kollha li għandhom il-futbol Mondjali għal qalbhom. Ix-xewqa prinċipali tas-sur Zammit hija li dawn il-kotba jinżammu fin-nurseries. Filwaqt li dawn il-players jistgħu jiskopru aktar dwar tagħrif fuq it-Tazza tad-Dinja, dan il-ktieb ikun ukoll mezz li jwassal lit-tfal jersqu aktar lejn il qari tal-kotba permezz ta' suġġett tant favorit - il-futbol. Is-sur Zammit irringrazzja lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom biex din il-pubblikazzjoni setgħet tirnexxi filwaqt li rringrazzja lill-Youth FA li kienet tagħtu din l-opportunità biex uħud minn dawn il-kotba jispiċċaw fin-nurseries Maltin. Fid-diskorsi tagħhom, il-president tal-Youth FA, Fr. Hilary, u dak tal-MFA, is-sur Norman Darmanin Demajo, urew ringrazzjament u rikonoxximent tal-ġest tas-Sur Zammit, filwaqt li, awguraw li jkun hemm aktar individwi li jissaportjaw l-edukazzjoni tan-nurseries b'modi differenti li kollha jkollhom messaġġ.

Bħal ma sar f'dawn l-aħħar snin fl-aħħar parti ta' din



# - Iseħħ il-ġemellaġġ bejn il-Millennium Chapel u l-Youth Football Association...
# - Għotja tal-ktieb 'It-Tazza tad-Dinja' lin-Nurseries

l-attività, l-MFA tqassam il-fondi lin-nurseries mis-'Solidarity Payments' mill-profitti tal-UEFA Champions League għall-istaġun 2013/14 fejn dawn kienu jammontaw għal €290,918 u tqassmu skond il-liċenzja miksuba minn nursery f'dak l-istaġun. Tqassmu wkoll €36,725.75 parti mill-arretrati dovuti lin-nurseries, u li ma kienux tqassmu bejn l-istaġuni 2002/03 – 2007/08. Dawn il-flus fost oħrajn jintużaw min-nurseries biex jgħinu titnaqqas l-ispiża li jkollha n-nursery ta' kull staġun. Dawk in-nurseries li kisbu liċenzja A ġew mogħtija €3740.15, b'dawk b'liċenzja B €2992.12, u dawk ta' liċenzja C €2244.09, dawn apparti l-arretrati mis-snin ta' qabel. Matul l-istaġun 2013/14, kienu 25 nursery li kisbu liċenzja A, filwaqt li sitta kellhom liċenzja B, u dawk b'liċenzja C kienu 11, filwaqt li kien hemm erba' nurseries li ma laħqux il-kriterji, u għaldaqstant ma kellhomx liċenzja. Qabel ma sar it-tqassim tal-għajnuna finanzjarja mill-President tal-MFA lin-nurseries, Fr Hilary wera l-apprezzament tiegħu li l-MFA, kienet għal darb'oħra qed tgħin lin-nurseries, kif ukoll kienet qed trodd ukoll flus li kienu dovuti lilhom fis-snin ta' qabel. Filwaqt li fakkar li l-għajnuna finanzjarja kienet importanti fil-ħajja ta' kuljum ta' kull nursery, il-qofol ta' kollox għandu jkun l-amministrazzjoni tajba f'kull nursery, biex flimkien mal-għajnuna finanzjarja wieħed jasal għar-riżultati mixtieqa.



Fr Hilary fakkar fl-obbligu li kellu kull amministratur, kif ukoll fid-doveri li jkun preżenti mhux biss f'okkażjonijiet bħal dawn, iżda f'kull okkażjoni li torganizza l-Youth FA, għaliex kull attività jkun fiha sinifikat mportanti ta' tagħlim li huwa ferm importanti, jekk verament irridu nkomplu nagħmlu progress fil-qasam tal-Youth Football.

Il-president tal-MFA wassal messaġġ lil dawk preżenti li kien meħtieġ li l-amministraturi fin-nurseries jibdew iħarsu aktar lejn progress u saħaq kif il-players f'etajiet żgħar għandhom jitħallew jipprattikaw il-logħba, mingħajr struzzjonijiet żejda sew minn coaches kif ukoll minn ġenituri, filwaqt li verament jaħdmu biex din il-logħba f'dawn l-etajiet vulnerabbli tkun aktar ta' pjaċir milli xi ħaġa ddettata.

Is Sur Darmanin Demajo semma', li fi ftit tal-gimgħat oħra hemm stennija għal sfidi ġodda fir-regolamenti, fejn dawn jagħtu kuraġġ kbir lill-players, kif ukoll aktar serħan lill-amministraturi fil-ħidma tagħhom.

# Maratona ta' Malta 2015
# Il-Marokkin Hajjy jirbaħ għall-ħames darba

Il-Marokkin Mohamed Hajjy reġa' rebaħ il-maratona ta' Malta, din it-30 edizzjoni, hekk kif għeleb l-isfida taż-żewġ kompatrijotti tiegħu, Nasef Ahmed u Elfeche Abdel Hakim, li spiċċaw fit-tieni u fit-tielet post rispettivament.

Din kienet il-ħames darba li Mohamed Hajjy rebaħ din il-maratona fejn irreġistra ħin ta' 2.19.28' biex dan fisser li ma kisirx ir-rekord tiegħu stess li hu dak ta' 2.16.06'.

Fit-tieni post daħal Nasef Ahmed f'ħin ta' 2.19.29' filwaqt li warajh daħal il-Marokkin l-ieħor Abdel Hakim f'ħin ta' 2.21.36'.

L-ewwel Malti li daħal kien Andrew Grech f'ħin ta' 2.32.34'. Grech spiċċa fit-tmien post u dan hu, bla dubju, suċċess għal dan l-atleta li sena ilu kien it-tieni Malti li daħal wara Jonathan Balzan.

L-ewwel mara li daħlet kienet Samantha Woodward li għelbet l-isfida tal-Maltija Josanne Attard Pulis.

Il-Ġermaniż Karol Grunenbelg kien ir-rebbieħ tan-nofs maratona hekk kif daħal f'ħin ta' 1.09.53'. Jerry Pennington daħal fit-tieni post f'ħin ta' 1.11.57' filwaqt li warajh daħal Pascale Valentin 1.14.52'. L-ewwel Malti li daħal kien Mark Herrera.

Il-Griega Pavlos Tsana Varos kienet l-ewwel mara li daħlet meta għelbet l-isfida ta' Simona Bacceti u ta' Rita Galea rispettivament.

Fl-edizzjoni ta' din is-sena, ħadu sehem rekord ta' ftit aktar minn 4,000 parteċipant, 1,900 minnhom barrani. Għas-sitt sena konsekuttiva, l-akbar numru ta' parteċipanti barranin kienu mir-Renju Unit. Filwaqt li ħadu sehem ukoll atleti minn pajjiżi bħal ma huma l-Kanada, iċ-Ċina, New Zealand, l-Awstralja, il-Brażil u l-Afrika t'Isfel. Bħas-soltu, l-maratona bdiet mill-Mdina u ġiet fi tmiemha f'Tas-Sliema.



It-tieni Malti - Jonathan Balzan



L-ewwel Malti Andrew Grech



Il-Marokkin Mohamed Hajji jirbaħ quddiem Nasef Ahmed





Elfeche Abdel Hakim (it-tielet) u Yassine Kabbouri (ir-raba')


San Michel
Pure Table Water
Official Water
MALTA MARATHON 2015
Vodafone
Malta Marathon
vodafone
San Michel
Pure Table Water
REFRESH
YOUR
DAY

 minn Joe Bajada

# Xewkija Tigers jiċċelebraw il-75 anniversarju mit-twaqqif tal-Klabb



Dan l-aħħar Xewkija Tigers FC temmew id-diversi attivitajiet biex ifakkru l-75 Sena mit-twaqqif tagħhom. Wara li l-istaġun l ieħor, 2013 14, kien wieħed eċċitanti għal Xewkija Tigers FC, li fi tmiemu, wara biss nuqqas ta' żewġ staġuni, reġgħu ġew inkurunati champions ta' Għawdex għas-sitt darba fl-istorja.

Hawn il-kumitat habrieki tagħhom immexxi mill-President Jeffrey Farrugia, Joseph Attard (Segretarju) u Franco Azzopardi (Kaxxier), kien ħaseb minn kmieni biex f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif tagħhom ikomplu jibnu tim b'saħħtu bi players ta' kwalità, esperjenza u karattru sod, biex bħala rigal lill-club huma reġgħu rebħu l-Kampjonat f'okkażjoni storika u unika.

Fl-aħħar attività ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet saret attività fil-każin majestuż tagħhom fejn hawn saru diskorsi tal-okkażjoni u li fiha ġie ppreżentat ktejjeb ta' tifkira.

Fid-diskors tiegħu l-president, Jeffrey Farrugia, qal li l-club ta' Xewkija Tigers dejjem għaraf jissupera l-problemi u hawn dejjem ħareġ iktar b'saħħtu biex baqa' għaddej tul iż-żminijiet fejn baqa' kompetittiv kemm mil-lat amministrattiv, kif ukoll mil-lat agonistiku. Huwa jinsab persważ li x-xogħol li wettqu l-predeċessuri tiegħu kien ta' siewi kbir biex f'dawn l-aħħar snin flimkien ma' sħabu setgħu jkomplu jġeddu lill club fejn ħolqu investimenti ġodda biex il-club żamm u ċert li ser iżomm l-istabbiltá tiegħu anke fil-futur. Xhieda awtentika ta' dan kien ir-realizzazzjoni li l-club ikollu grounds fejn isir it-taħriġ, kumplessi sportivi ġodda u x-xiri u rranġar tal-każin il-ġdid f'post strateġiku fir-raħal.

Il-president Xewki qal li dan kollu sar riżultat ta' frott ta' stinkar bla waqfien u għaqda għal għan wieħed li jaraw lill-club fuq sisien sodi li rriżultaw f'rebħiet memorabbli. Dan kollu iżda sar minkejja d-diversi diffikultajiet u taqlib li għadda minnu l-club.

Farrugia esprima x-xewqa personali tiegħu li flimkien ma' sħabu jkomplu joħolmu fi proġetti ta' fejda oħra biex b'hekk il-futur jibqa' wieħed pożittiv. Huwa temm id-diskors tiegħu billi awgura li fil-futur il-club jibqa' jkollu gwida xierqa biex l-isem ta' Xewkija Tigers jibqa' jiġi apprezzat u tkompli tissaħħaħ l-istorja tal-club tant għażiż għalihom. Huwa radd ħajr lil dawk kollha li taw il-kontribut tagħhom matul dawn il-75 sena mit-twaqqif tagħhom u awgura futur mill-aqwa li jista' jkun garantit biss minn nies dedikati, onesti u leali lejn Xewkija Tigers FC.

Diskors ieħor sar mill-Ministru għal Għawdex Dr. Anton Refalo fejn huwa faħħar l-għaqal li mexa bih il-Kumitat fl-aħħar snin fejn bil-ħidma kontinwa tiegħu rnexxielu jagħti ħajja ġdida lill-club fosthom l-akkwist tal-każin il-ġdid tagħhom fil-pjazza ewlenija tar-raħal, il-ħolqien tal-ground b'pitch bit-turf, kif ukoll li minkejja dawn is-sagrifiċċji li faċilitajiet bħal dawn jirrekjedu, huma xorta baqgħu ferm kwalitattivi fil-logħob tagħhom bit-titli u l-unuri jibqgħu fuq l-aġenda tagħhom. Huwa qal li dawn iċ-ċelebrazzjonijiet tal-75 anniversarju mit-twaqqif tal-Club huma xiehda ta' għaqda u entużjazmu bejn l-uffiċjali, il-players u l-partitarji Xewkin. Dan jagħmel unur lil Xewkija Tigers FC u bla dubju ta' xejn għandu jżid mal-isem li t-tim ta' dan ir-raħal bena matul din il-medda ta' tliet kwarti ta' seklu.

Finalment wara li huwa sellem lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor għenu lill-club tul dawn is-snin kollha, kif ukoll lill-partitarji li baqgħu b'mod persistenti u konsistenti jagħtu s-sapport tagħhom, Dr. Anton Refalo awgura iktar suċċessi lil Xewkija Tigers FC għas-snin li ġejjin.

Wara, il-president Jeffrey Farrugia flimkien mal-Ministru għal Għawdex Anton Refalo, kixfu lapida kommemorattiva

fil-club li ġġib l-ismijiet tal-presidenti kollha tal-club. It-tberik sar mill-Arċipriet tal-Paroċċa tax-Xewkija, Mons. Carmelo Mercieca, li wkoll kien għadu kif iċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr f'każin imballat minn sostenituri tal-istess Tigers.

It-tim ta' Xewkija Tigers FC ġie mwaqqaf fl istaġun 1938 1939. F'dan l-ewwel staġun Xewkija Tigers lagħbu xi partiti ta' ħbiberija però ma ħadux sehem fil-Kampjonat Għawdxi. F'dan il-Kampjonat li sar bejn tliet timijiet li kienu Victoria City, Victoria Red Stars u Ghajnsielem Rovers.

Dan il-kampjonat ġie mirbuħ minn Victoria City. It-tim ta' Xewkija Tigers bi players bħal Frans Azzopardi (Denċi), Ġanni Borġ (Ta' Ġinju), Ġużepp Borġ (Marżalett), Bernardu Axiaq u ħuh Ġuże Axiaq, Żakkarija Ċilia, Ġuzepp Farruġia, Ġanni Mizzi, Marjanu Vella, Ninu Spiteri u Paul Vella, kienu taħt it-tmexxija tal-president Dr. Carmelo Cassar.

Dan kien il-bidu tat-tim tar-raħal tax-Xewkija Tigers li matul is-snin ta' wara ġab ħafna unuri fost celebrazzjonijiet kbar mix-Xewkin kollha. Matul dawn il-75 sena huma rebħu diversi unuri li joffri l-football Għawdxi fosthom sitt darbiet champions Għawdxin, tmien darbiet il-GFA Cup, erba' darbiet it-Tazza Indipendenza, darbtejn is-Super Cup, tliet darbiet kull waħda it Tazza Jum il-Ħelsien kemm fl-Ewwel kif ukoll fit-Tieni Diviżjoni, darbiet il-Galea Cup, darba kull waħda t-Tazza Repubblika t-Tazza Gemeħerija, is-Silver Jubilee Cup u l-Coca Cola Cup, darba kull waħda l-Kampjonat u n-Knock Out tal-Ewwel Diviżjoni fl-1996-97 meta kien intlagħab ukoll il-Kampjonat Premier, seba' darbiet il-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni, darbtejn in-Knock Out tat-Tieni Diviżjoni u darba l-Good Conduct Cup.

Apparti dawn, Xewkija Tigers rebħu wkoll diversi unuri fil-Kategoriji kollha taż-Żgħar, kif ukoll unuri individwali fosthom li ħames players tagħhom spiċċaw magħżula bħala l-Player tas-Sena tal-GFA.





### Sports Malta Awards 2014

# Ir-referee Mario Apap magħżul bħala l-Isportiv Għawdxi...



Waqt il-54 edizzjoni ta' dawn l-Għażliet Sportivi Nazzjonali organizzata mill-Kunsill Malti għall-iSport u l-Għaqda Ġurnalisti Sports b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-iSport, reġa' kien onorat l-Aħjar Sportiv Għawdxi. Din id-darba l-unur mar għand ir-referee tal-football Mario Apap.

Mario Apap li twieled fit-2 ta' Awwissu 1972, beda l-karriera sportiva tiegħu bħala player tal-football mat-tim ta' raħal twelidu Kerċem Ajax FC fejn għamel diversi staġuni jilgħab magħhom fejn rebaħ kemm il-Kampjonat Għawdxi tal-Ewwel Diviżjoni, kif ukoll dak tat-Tieni Diviżjoni.

Apparti li huwa għamel seba' staġuni bħala captian tat-tim, Mario rebaħ ukoll unuri individwali bħal dak tal-Aħjar Player tas-Sena tat-Tieni Diviżjoni tal-Gozo Football Association. Kien imbagħad f'Settembru, 2003, li huwa ddeċieda li jibda l-karriera ta' referee. Ilu għal dawn l-aħħar erba' staġuni bħala wieħed mill-Elite Referis tal-Malta Football Association. S'issa huwa diġà kkontrolla 58 logħba fl-ogħla diviżjoni Maltija. Minn dawn kien hemm 12 il waħda fl-istaġun li għadda. Kienu diversi l-logħbiet importanti li huwa ngħata l-inkarigu li jikkontrolla fosthom dik tal-Finali tas-Super Cup fit-8 ta' Awwissu 2014 bejn Valletta vs Birkirkara (1-2).

Bħala parti mill-iskambji li qed jagħmel id-Dipartiment tar-Referis tal-MFA ma' Assoċjazzjonijiet oħra fi ħdan il-UEFA, fil-11 ta' April, 2014, Mario Apap intbagħat jikkontrolla l-partita mid-Danske Bank Irish Premiership bejn Ards v Ballinamallard United (0-0) f'Dixon Park, f'Ballyclare, County Antrim, l-Irlanda ta' Fuq.

Fid-29 ta' Novembru, 2014, huwa rreffja fil-Kampjonat Premier ta' San Marino il-logħba Tre Penne Galazzano vs Faetano (1-1) f'Montecchio. Fil-15 ta' Lulju, 2014, huwa assista lir-referi Clayton Pisani bħala r-raba' uffiċjal fil-logħba ta' kwalifikazzjoni tat-tieni rawnd tac-Champions League bejn Sheriff u Sutjeska (2-0) fl-iStadionul Sheriff - Tiraspol, il-Moldova.

# Erasmus+ jindirizza t-tmexxija tajba, il-ħajja attiva u l-inklużjoni soċjali fl-isport

## Tliet stejjer ta' suċċess taħt is-sejħa Collaborative Partnerships

Malta-EU Steering & Action Committee

NATIONAL COORDINATOR 2015 European Year for Development




Fi sforz biex jiġi ndirizzat l-isport, il-programm ta' fondi tal-UE għall-edukazzjoni, żgħażagħ u sport, Erasmus+, jiffinanzja proġetti taħt is-sejħa għall-proposti 'Collaborative Partnerships', li fil-preżent tinsab miftuħa u tagħlaq, fl-14 ta' Mejju.

Din is-sejħa tiffinanzja proġetti li jġibu flimkien lil dawk kollha involuti fil-qasam sportiv madwar l-Ewropa biex flimkien jipprovaw jegħlbu l-isfidi li qed tiffaċċja l-integrità tal-isport. Dawn l-sfidi m'humiex ristretti mill-fruntieri, u huma problemi li qed jaffettwaw l-isport fl-Ewropa kollha. Fost l-oħrajn, dawn huma sfidi marbuta mal-problemi tad-doping, il-manipulazzjoni tar-riżultati, il-vjolenza, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni.

Dawn però m'humiex l-uniċi setturi li tindirizza din is-sejħa. 'Collaborative Partnerships' tiffinanzja wkoll proġetti li jippromwovu t-tmexxija tajba tal-isport, il-karrieri doppji tal-atleti, l-attività volontarja, l-inklużjoni soċjali, u l-opportunitajiet indaqs.

Fost dawk li diġà bbenefikaw mis-sejħa 'Collaborative Partnerships' fil-qasam ta' tmexxija tajba, insibu lill-'European Olympic Committees EU Office' li ngħata fondi għall-proġett 'Support the Implementation of Good Governence in Sport' (SIGGS). Dan il-proġett beda x-xahar li għadda, u se jibqa' sejjer għal sentejn sħaħ.

SIGGS jibni fuq is-suċċess tal-proġett ta' qablu 'Sport 4 Governance' (S4GG), u għandu l-għan li jgħin Kumitati Olimpiċi Nazzjonali u federazzjonijiet nazzjonali tal-isport billi jipprovdilhom gwida prattika dwar kif jimplimentaw il-prinċipji ta' tmexxija tajba.

Din il-gwida se tkun mibnija fuq id-dokument tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, 'The Basic Universal Principles of Good Governance', u fuq id-dokument li fih jiġbor il-prinċipji tal-UE dwar it-tmexxija tajba fl-isport.

EHFA European Health & Fitness Association

Il-proġett jikkonsisti f'diversi attivitajiet, u se jkun iffokat fuq għajnuna prattika fuq bażi individiwali. Dan se jkun possibbli billi l-għodod edukattivi, u l-metodi u l-kontenut tat-taħriġ se jkunu ppjanati u implimentati skond il-bżonnijiet partikolari tal-organizzazzjonijiet li jkunu se jibbenefikaw minnhom. Dawn is-sessjonijiet ta' taħriġ se jsiru f'seba' pajjiżi differenti.

Biex iwettaq il-proġett, il-'European Olympic Committees EU Office' se jkollu l-għajnuna tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, u se jaħdem ma' diversi partners, fosthom il-Kumitati Olimpiċi Nazzjonali tal-Olanda, it-Turkija, il-Belġju, il-Ġermanja, il-Litwanja, Lussemburgu, is-Slovenja u l-Portugall, mal-Università ta' Louvain-la-Neuve tal-Belġju, u mal-European Observatory of Sport and Employment ta' Franza.

Inizjattiva biex tiġi nkorraġġita l-ħajja aktar attiva u f'saħħitha qed issir mill-Università ta' Gloucestershire li se tibbenefika minn aktar minn €600,000 għall-proġett 'Supporting Policy and Action for Active Environment' (SPAcE). Dan il-proġett li se jaħdem fuq programmi differenti ta' trasport attiv bħal skemi biex l-istudenti jmorru l-iskola bil-mixi, u biex il-kbar imorru għax-xogħol bir-rota. L-Università ta' Gloucestershire trid taħdem ukoll biex eventwalment tintegra dawn l-iskemi fil-politika dwar it-trasport madwar l-Ewropa.

Is-sieħba f'dan il-proġett huma numerużi, u minbarra




s-sapport tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), il-benefiċjarji se jaħdmu ma' awtoritajiet reġjonali mil-Latvja, ir-Rumanija, Spanja u l-Greċja, ma' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla mir Renju Unit, l-Isvizzera u l-Greċja, u ma' għaqdiet mhux governattivi mill-Italja, il-Finlandja u r-Rumanija.

Fi kliem il-kap tal-proġett, il-Professur Diane Crone, "dan il-proġett għandu l-potenzjal li jagħmel impatt fuq is-saħħa u l-politika pubblika tal-UE, u li jindirizza l-problema tal-inattività fiżika fil-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-proġett". Il-proġett beda f'Jannar li għadda u se jkun implimentat fuq perjodu ta' tliet snin.

Il-European Health and Fitness Association min-naħa tagħha se timplimenta proġett li jindirizza l-prioritajiet tal-inklużjoni soċjali u l-opportunitajiet indaqs. Din l-Assoċċjazzjoni ħadet aktar minn €300,000 f'fondi Ewropej sabiex timplimenta l-proġett 'Promoting Physical Activity and Health in Ageing'.

Dan il-proġett huwa mmirat lejn persuni anzjani b'limitazzjonijiet fiżiċi differenti, u jikkonsisti fi programm speċjalizzat li jgħin persuni ta' bejn il-55 u l-65 sena li fil-preżent huma fiżikament inattivi, biex jibdew jagħmlu eżerċizzji fiżiċi b'mod regolari.

Il-pajjiżi msieħba f'dan il-proġett huma d-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Portugall u r-Renju Unit, u f'kull wieħed minn dawn il-pajjiżi se jsiru programmi ta' eżerċizzji fiżiċi bi prova li jdumu sejrin sitt ġimgħat. F'kull sessjoni se jipparteċipaw 15-il persuna mingħajr ebda obbligi finanzjarji.

Dawk li għandhom bejn il-55 u l-65 sena se jkollhom



trattament preferenzjali, u apparti li se jiġu pprovduti b'attenzjoni individwali u bi programm ta' taħriġ speċjalizzat, se jingħataw l-opportunità li jkomplu għaddejjin bit-taħriġ bla ebda ħlas għal perjodu ta' sitt xhur.

Matul dan il-programm, il-European Health and Fitness Association se tkun qed taħdem fuq standards marbuta mat-taħriġ għall-anzjani li eventwalment se jitqassmu ma' strutturi edukattivi u organizzazzjonijiet sportivi madwar l-Ewropa. Hekk, tkun qed tinħoloq metodoloġija li tista' tiġi użata f'pajjiżi differenti biex aktar anzjani jersqu lejn l-eżerċizzju fiżiku.

Il-MEUSAC iħeġġeġ organizzazzjonijiet Maltin biex jieħdu eżempju minn dawn l-istejjer ta' suċċess, u jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' fondi li joffri Erasmus+ billi jressqu proposti li jindirizzaw prioritajiet bħalma huma l-ħajja aktar attiva, u l-inklużjoni tas-setturi kollha tas-soċjetà fl-isport u fil-ħajja fiżika.

Għal aktar informazzjoni dwar din is-sejħa u dwar opportunitajiet oħra li joffru d-diversi programmi ta' fondi tal-UE tistgħu tikkuntattjawna fuq 22003300 jew funding.meusac@gov.mt.




## Edizzjoni 2014

# Sport Malta Awards - Għażliet Sportivi Nazzjonali

Nhar is-Sibt 31 ta' Jannar 2015, tħabbru ir-rebbieħa fil-kategoriji kollha tal-edizzjoni tal-awards ta' Sport Malta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, ż-Żgħażagħ u l-Isport, flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isport u l-Għaqda Ġurnalisti Sports. Din kienet l-ewwel darba li ingħaqdu flimkien tliet entitajiet biex organizzaw din is-serata annwali.

Matul din is-serata, panel ta' ġurija esperti magħmula minn ġurnalisti sportivi ġejjin mill-media houses ewlenin f'Malta, ivvotaw 'live' għar-rebbieħ/a f'kull kategorija. Filwaqt li fil-kategoriji tal-Aħjar Atleta maskili u femminili ta' Special Olympics Malta, l-Aħjar Sportiv Għawdxi u l-Avveniment Sportiv Internazzjonali tas-Sena r-rebbieħ u r-rebbieħa tħabbru fis-serata finali, wara li dawn ġew magħżula minn bord ta' esperti fil-kamp, li twaqqaf separatament biex jagħżel l-atleti li kien jistħoqqilhom dan l-unur.

Il-pubbliku wkoll ta s-sehem tiegħu permezz ta' sms li ntbagħat fuq in-numri abbinati ma' kull isem tal-favorit/a tiegħu għall-People's Choice Award. Il-voti tal-sms kienu miżjuda ma' dawk tal-federazzjonijiet/ assoċjazzjonijiet biex imbagħad tħabbar ir-rebbieħ/a.

Claudio Cassar u Sue Abela rebħu l-ogħla unuri fis-serata ta' premjazzjoni tal-Isport Malta Awards Għażliet Sportivi Nazzjonali.

Nathan Lee Xuereb rebaħ il-kategorija magħrufa bħala - People's Choice Award li għaliha vvotaw kemm l-għaqdiet nazzjonali tal-isport kif ukoll il-pubbliku. L-Edizzjoni 2014 li kienet l-54 edizzjoni minn meta dan l-avveniment beda jkun organizzat fl-1960 ġiet organizzata mill-Kunsill Malti għall-Isport u l-Għaqda Ġurnalisti Sports b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-isport.

Claudio Cassar, li rebaħ it-titlu mondjali fil-Kampjonati tal-Black Ball Pool li saru f'Perth, fl-Iskozja, kellu sfida mit-tiratur żagħżugħ Nathan Lee Xuereb filwaqt li Sue Abela, in-numru 1 fit-ten pin bowling, rebħet żewġ midalji tal-fidda fil-Kampjonati tal-Mediterran, midalja tal-fidda fil-Masters Events u waħda tad-deheb fil-kategorija tas-Singles. Abela kellha sfida qawwija minn Rebecca Ca-







milleri li kellha wkoll staġun mill-aqwa fl-atletika.

Waqt l-istess serata ta' premjazzjoni t-team nazzjonali tal-irġiel tal-waterpolo ġie vvotat bħala l-aqwa team tas-sena. Dan it-team spikka hekk kif rebaħ l-EU Nations Cup li saret f'Limerick u spiċċa anke fit-tieni post fil-Kampjonati tal-Commonwealth. L-istess team rebaħ il-Malta International Cup. Il-coach ta' dan it-team, Karl Izzo fil-fatt ġie ivvotat bħala l-aqwa kowċ tas-sena meta għeleb l-isfida tal-kowċ nazzjonali tat-team tal-futbol tal-irġiel Pietro Ghedin.

Minbarra dawn il-kategoriji din id-darba żdied ukoll l-unur għaż-Żagħżugħ/a tas-sena. It-tiratur Nathan Lee Xuereb rebaħ fil-kategorija tal-irġiel għat-tieni sena konsekuttiva filwaqt li Sara Xuereb tat-Tenpin Bowling rebħet fil-kategorija tan-nisa. Minbarra dawn il-kategoriji kien hemm ukoll kategoriji oħra li ntgħażlu minn bordijiet separati:

- L-aħjar atleta mara ta' Special Olympics – Charmaine Mifsud
- L-aħjar atleta raġel ta' Special Olympics – Jonathan Camilleri
- L-aħjar avveniment għas-sena 2014 – Kampjonati Ewropej tal-UEFA ta' taħt is-17-il sena organizzat mill-Malta Football Association.
- L-isportiv Għawdxi ngħażel ir-referee tal-futbol - Mario Apap

Ir-rebbieħa kollha fl-Edizzjoni 2014 ta' Sport Malta Awards – Għażliet Sportivi Nazzjonali li għalihom ivvotaw tmien ġurnalisti membri tal-GħĠS huma:

- Sportiv tas-Sena: Cassar Claudio (Eight Ball Pool)
- Sportiva tas-Sena: Abela Sue (Ten Pin Bowling)
- Uffiċjal tas-Sena: Cassar Joe (Futbol)
- Kowċ tas-Sena : Izzo Karl (Waterpolo)
- Żagħżugħ tas-Sena : Xuereb Nathan Lee (Sparar)
- Żagħżugħa tas-Sena : Xuereb Sara (Ten Pin Bowling)
- Team tas-Sena : Waterpolo – Team Nazzjonali 'A'

Waqt is-serata ta' premjazzjoni li kienet ippreżentata minn Mario Bonnici, dawk preżenti kienu ndirizzati minn Charles Camenzuli – President tal-Għaqda Ġurnalisti Sport, Dr Luciano Busuttil – Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, Mark Cutajar – Chairman tal-Kumitat Organizzattiv, kif wkoll mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-isport l-Onor. Chris Agius.

L-organizzaturi jixtiequ jirringrazzjaw ukoll lid-diversi sponsors; Bank of Valletta, Maltco, MSV Life, Vascas, General Soft drinks, Remax u HIM Italian Restaurant li taw l-appoġġ tagħhom biex din l-okkażjoni kienet waħda ta' suċċess.

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt




# Kors għall-amministraturi sportivi fis-Servizz Pubbliku organizzat mill-Kunsill Malti għall-Isport

"F'pajjiżna jinħass in-nuqqas ta' taħriġ għall-amministraturi sportivi fis-servizz pubbliku u kien għalhekk li l-Kunsill Malti għall-Isport offra kors li jservi ta' pjattaforma għal dawk li jimmilitaw fl-isport lokali."

Dan qalu s-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, ż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius meta attenda għall-ftuħ uffiċjali ta' ESF 4.216 – SUCCESS – *Capacity Building Programme for Public Service Sport Administrators.* Huwa qal li l-Gvern jemmen fis-servizz pubbliku u mhuwiex b'kumbinazzjoni li dan il-kors ġie mniedi eżattament fil-ġimgħa ddedikata lejn is-servizz pubbliku f'pajjiżna.

Iċ-chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, Luciano Busuttil qal li din hija opportunità għall-impjegati sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom u awgura li dawn kollha li jipparteċipaw ser isibu dan il-kors ta' għajnuna fix-xogħol tagħhom. L-aġent Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Malti għall-Isport, Mark Cutajar, spjega kif għalkemm il-Kunsill Malti għall-Isport kien għoddu tilef il-fondi ta' dan il-proġett fis-snin l-imgħoddija, bil-galbu u l-ħidma sfieqa tal-KMS il-proġett ġie mniedi.

Il-Kunsill Malti għall-Isport qiegħed joffri dan it-taħriġ lill-impjegati kollha tiegħu. Dan qed isir sabiex il-KMS jibqa' dejjem jinvesti fit-taħriġ kontinwu tal-impjegati u jsaħħaħ il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom f'oqsma speċifiċi sabiex titqajjem wkoll kuxjenza dwar l-importanza ta' żvilupp kontinwu f'ambjent li qiegħed kull ma jmur jinbidel. Finalment l-għan aħħari hu li l-isport lokali jkun amministrat u ġestit b'mod aktar effiċjenti.

Dan il-programm qed isir permezz ta' sħubija mal-*European Observatoire of Sport and Emplyment* (EOSE) u bil-kollaborazzjoni tal-MCAST u huwa ffinanzjat minn fondi mill-Fond Soċjali Ewropew.

Il-kors li hu maqsum f'erbgħa modules, jintemm f'Mejju però imbagħad il-parteċipanti jkun fadlilhom jippreżentaw proġett miktub biex jakkwistaw iċ-ċertifikazzjoni.

Dawk li jtemmu b'suċċess dan il-kors ikunu preżentati b'ċertifikat li hu ekwivalenti għall *MCAST Level 5 Award in Public Service Sport Administration.*

Il-kors li hu maqsum f'erbgħa modules, jintemm f'Mejju però imbagħad il-parteċipanti jkun fadlilhom jippreżentaw proġett miktub biex jakkwistaw iċ-ċertifikazzjoni.

Dawk li jtemmu b'suċċess dan il-kors ikunu preżentati b'ċertifikat li hu ekwivalenti għall-*MCAST Level 5 Award in Public Service Sport Administration.*

# Handball iżid fil-popolarità ma' KMS Skolasport





L-isport tal-handball hu ħafna drabi deskritt bħala waterpolo mingħajr ilma, hockey mingħajr l-istikek, jew futbol bl-użu tal-idejn. Ħaġa waħda hi ċerta: li l-handball mal-KMS Skolasport qed dejjem isir iktar popolari kull semestru. Grupp imħallat ta' 20 tifel u tifla bl-età li tvarja bejn id-9 u 13-il sena jitħarrġu d-dixxiplina tal-handball kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera.

Ian Tonna, għalliem kwalifikat fil-PE u coach tal-handball ma' KMS Skolasport qal: "Handball inissel sens ta' għaqda u dixxiplina fost il-parteċipanti. Għalkemm il-livell ta' ħiliet ivarja hekk kif uħud mill-plejers għadhom jibdew filwaqt li oħrajn ilhom jipprattikaw għal sentejn jew tlieta, il-parteċipanti jitgħallmu jilagħbu u jistinkaw għal xulxin biex ikunu tim effettiv. L-eżerċizzju fiżiku hu parti kruċjali f'din id-dixxiplina u bħala coaches nipprovaw ngħaddu l-messaġġ lil hinn mis-sessjoni ta' taħriġ il-parteċipanti għandhom jieklu ikel li hu tajjeb għas-saħħa. Wara sessjoni ta' *warm up*, il-parteċipanti jipprattikaw il-ħiliet tagħhom u jagħlqu billi jagħmlu logħba."

KMS Skolasport hu organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport u sponsorjat minn Kellogg's, l-aqwa produttur taċ-ċereali fid-dinja. Minbarra l-Kumpless Sportiv ta' Kottonera, KMS Skolasport toffri taħriġ f'għadd ta' kumplessi sportivi u lokalitajiet fosthom il-Kumpless Sportiv tal-Marsa, il-Kumpless Sportiv Tal-Qroqq, il-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop, il-Kulleġġ ta' San Injazju f'Tal-Ħandaq, il-Kulleġġ Marija Reġina fil-Mosta, u l-Kulleġġ ta' Santa Klara f'Pembroke biex tagħti lill-parteċipanti l-opportunità li jipprattikaw l-isport favorit f'post qrib il-lokalità tagħhom.

Kellogg's ilha tisponsorja l-programm tal-KMS Skolasport matul dawn l-aħħar 15-il sena, bħala turija ta' impenn biex tippromwovi stil ta' ħajja li hu tajjeb għas-saħħa permezz ta' dieta bilanċjata u eżerċizzju fost il-komunità Maltija.

Għal iktar tagħrif dwar il-klassijiet ta' handball jew dixxiplini oħra wieħed jista' jikkuntattja lis-Sezzjoni tal-Programmi fl-uffiċċju ewlieni tal-Kunsill Malti għall-iSport fuq tel. 2203 6000, jew bl-imejl: programmes@sportmalta.org.mt, inkella jżur il-website: www.sportmalta.org.mt





# Il-Futsal Festival organizzat mill-SPU

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport Chris Agius żar il-Kumpless Sportiv tal-Kottonera fejn kienet għaddejja it-tieni fażi tal-Futsal Festival tal-iskejjel primarji. Dan il-festival ikun organizzat kull sena bil-kollaborazzjoni tal-SPU (Sport Promotion Unit) fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Isport (KMS), id-Dipartiment tal-grassroots tal-Malta Football Association (MFA) u l-Futsal Malta Association (FMA).

Il-festival fih tliet fażijiet, wara li kull skola primarja torganizza Futsal festival fl-iskola għall-istudenti tagħha, ikun imiss li kull skola tilgħab kontra l-iskejjel l-oħra tal-kulleġġ fit-tieni fażi. Inċidentalment il-bieraħ kienet għaddejja it-tieni fażi li rat lill-iskejjel kollha tal-Kulleġġ San Ġorġ Preca jipparteċipaw fi spirtu sportiv. Wara din it-tieni fażi jintgħażel team li jirrappreżenta lill-Kulleġġ kollu u li jilgħab kontra kulleġġi oħra fil-fażi finali ta' dan il-festival.

Is-Segretarju Parlamentari filwaqt li tkellem mat-tfal preżenti, irringrazzja lill-għalliema li qed jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jippromwovu il-valuri tal-isport fl-istudenti tagħhom.

Preżenti wkoll kien hemm il-President tal-FMA Mark Borg, il-coach tat-tim nazzjonali Malti tal-futsal Mark Marlow u l-aġent Kap Eżekuttiv tal-KMS, Mark Cutajar.

 minn Vincent Pisani

## EBSA – Kampjonati Ewropej – Malta 2015

# L-Under 21 u d-Doubles Open se jsiru f'Marzu

Sitta u tmenin player minn 28 pajjiż ser jieħdu sehem fil-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena, li se jintlagħab f'Malta bejn il-21 u is-26 ta' Marzu, 2015, fid-Dolmen Hotel, fil-Qawra. Is-sena l-oħra kienu ħadu sehem 97 player meta saru fir-Rumanija.

Malta ser tkun irrappreżentata minn Brian Cini li jilgħab fl-Ingilterra, Chris Peplow li jilgħab fil-Premier League f'pajjiżna, Isaac Borg li jilgħab fl-Ewwel Diviżjoni u Shaun Deguara li ma jilgħab fl-ebda kompetizzjoni tal-MBSA.

Il-Kampjonati tad-Doubles, Irġiel, Nisa u Masters se jintlagħbu bejn is-26 ta' Marzu u l-1 ta' April.

Fil-Kampjonati tal-Irġiel, Malta se tkun irrappreżentata minn erba' timijiet bl-ewwel team ser ikun magħmul minn Alex Borg u Duncan Bezzina li ser jiddefendu t-titlu li rebħu s-sena l-oħra. It-team ta' Malta 2 ser ikun magħmul minn Clayton Castaldi u Philip Ciantar, Malta 3 ser ikunu Tony Drago u Brian Cini filwaqt li Malta 4 ser ikun ifformat minn Aaron Busuttil u Chris Peplow.

B'kollox ser jieħdu sehem 32 team minn 18-il pajjiż differenti. Dan ifisser li ser jieħdu sehem erba' timijiet anqas mis-sena l-oħra.

Fil-Kampjonat tan-Nisa, ser jieħdu sehem 12-il team minn disa' pajjiżi differenti u Malta ser tkun irrappreżentata minn team wieħed biss magħmul minn Roberta Cutajar li tilgħab fl-Ewwel Diviżjoni u Caroline Grech li ma tilgħab fl-ebda Kampjonat tal-MBSA. Din-is-sena ser jikkompetu tliet timijiet aktar mis-sena l-oħra.



Fil-Masters ser jieħdu sehem tliet timijiet Maltin fejn Malta 1 ser ikun kompost minn Simon Zammit u Jason Peplow, Malta 2 kompost minn Frans Mintoff u Ivan Attard filwaqt li Malta 3 ser ikun ifformat minn Arthur Cachia u Manwel Mallia. F'dan il-Kampjonat ser jieħdu sehem 22 team minn 14-il nazzjon. Is-sena l-oħra ħadu sehem 23 team.

Id-dħul għall-pubbliku ser ikun b'xejn u l-logħob jintlagħab kuljum fil-ġranet li semmejna bejn l-10.00 a.m. u t-8.00 p.m. Il-pubbliku huwa mħeġġeġ biex jattendi.



# KS S Events u Fracht jissapportjaw

KSS Events u Fracht (kumpanija li ġġor il merkanzija) ippreparaw programm sħiħ għall-player żagħżugħ Malti, Brian Cini, għal matul Frar u Marzu.

Il-ġimgħa li għaddiet, Cini ġie mistieden biex jilgħab fil Grand Prix ta' Munich fejn kellu jibqa' fil-belt ta' Munich sal-25 ta' Frar. Riżultati ta' dan it-tournament nippublikawhom fil-ħarġa li jmiss.

F'dan il-Grand Prix ta' Munich, ħadu sehem 64 player fejn fil-Fażi tal-Gruppi, Brian Cini ġie mtella' fi Grupp J. L-ewwel logħba tiegħu kellha tkun kontra Dennis Rothaug, bit-tieni u t-tielet logħba jilgħab kontra Andrè Brandt u Porn Matthias rispettivament. L-ewwel tnejn minn kull grupp jgħaddu mal-Aħħar 32.

Fil-25 ta' Frar, Cini kellu jitlaq minn Munich biex jivvjaġġa għal Gdynia, fil-Polonja, fejn ħa sehem fil-PTC 6 organizzat mil-World Snooker. Fl-ewwel round ġie mtella' biex jilgħab kontra Kamil Zubrisky tal-Polonja, fis-26 ta' Frar. Ir-rebbieħ ta' dan it-tournament jingħata £10,000. Fir-ranking tal-EBSA Order of Merit Ewropew, Brian Cini jinsab fit-30 post

## Players li ħadu sehem fil-European Under 17 Snooker Open

# Serje Nu 9 – Zak Barton - (Ingilterra)

Il-player żagħżugħ Ingliż, Zak Barton, rebaħ il-European Under 17 Snooker Open, fl-2011, meta fil-Final kien għeleb lill- player Skoċċiż Ross Muir (illum player professjonali) 5-1.

Fil-Fażi tal-Gruppi, Barton kien tilef mal-istess Muir 3-1 iżda rebaħ il-logħbiet l-oħra kontra Dylan Scully tal-Irlanda 3-0 u kontra l-player Malti, Mathew Zammit, 3-0 ukoll.

Fil-kwarti-finali, Zak Barton, kien għeleb lil Olli Pekka Virho tal-Finlandja 4-0 filwaqt li fis-semi-finali għeleb lill-Ingliż Ryan Clark (li illum huwa player professjonali ieħor) 4-2.

Sfortunament, minħabba li dan iż-żagħżugħ tant promettenti jinsab wieqaf mil-logħba tal-isnooker, ma tantx għandna xi nżidu ma' dak li ktibna fuqu ħlief li nittamaw li jerġa' jagħmel ritorn fil-futur qrib.



## lil Brian Cini

minn total ta 96 player. Riżultati jingħataw fil-ħarġa li jmiss.

Cini jitlaq mill-Polonja, fl 1 ta' Marzu, fejn ser jerġa' jintbagħat l-Ingilterra għal-ġimagħtejn ta' taħriġ.

Mill-Ingilterra, Cini ser jintbagħat Malta biex jieħu sehem fil-Kampjonat Ewropew għal żgħażagħ taħt il-21 sena, biex ġimgħa wara, huwa jingħaqad ma Tony Drago fejn ser jikkompetu bħala team fil-Kampjonat Ewropew.

Dan il-programm ġie organizzat u sponsorjat kollu minn KSS Events u Fracht Ltd.

## Il-finali kollha tal-European Under 17 Snooker Open

| | | |
|---|---|---|
| 2007: | Luca Brecel (Belgju) v Darren Cook (Ingilterra) | 5-3 |
| 2008: | Ryan Clark (Ingilterra) v Luca Brecel (Belgju) | 5-4 |
| 2009: | Jake Nicholson (Ingilterra) v Luca Brecel (Belgju) | 5-2 |
| 2010: | Declan Brennan (Irlanda ta' Fuq) v Sam Harvey (Ingilterra) | 5-4 |
| 2011: | Zak Barton (Ingilterra) v Riss Muir (Skozja) | 5-1 |
| 2012: | Mateusz Baranowski (Polonja) v Joseph Mclaren (Skozja) | 5-2 |
| 2013: | Brian Cini (Malta) v Nico Elton (Ingilterra) | 5-1 |
| 2014: | Brian Cini (Malta) v Ryan Pisani (Malta) | 5-1 |
| 2015: | Wesley Pelgrims (Belgju) v Hamim Hussain (Ingilterra) | 5-4 |

## Malta Eight Ball Federation

Ranking Nu. 3 – Finali

| | | |
|---|---|---|
| Under 18: | Alessio Magro v Leon Azzopardi | 9-7 |
| Under 23: | Lydon Debono v Leon Azzopardi | 10-8 |
| Open: | Ivan Rizzo v Maverick Zammit | 10-6 |
| Over 40: | Horace Farrugia v Neville Cassar | 9-6 |

L-ewwel sebgħa mill-Under 18 u Open ser jirrappreżentaw lil Malta fil European Blackball Championship, fi Bridlington fl-Ingilterra f'April li gej.

**Nota: Din l-informazzjoni intbagħtet mil-MEBF.**

# Kampjonat 1959-60

# Partiti kkaratterizzati minn ġlied u protesti

L-Għaxar Ġurnata

**02-04-1960:**
**Hibernians FC – St. George's FC 4-0**
**H.T 1-0 Att: 5,755**
**Skorjaw: J. Mizzi (H) 23', L. Theobald (H) pen. 47', F. Xuereb (H) 71' u F. Xuereb (H) 86'.**
**Referee: Flt. Lt. Fannon (R.A.F)**

*Hibernians FC*: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Sunny Anastasi, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Joe Cini, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

*St. George's FC*: Ġużi 'Yumi' Bonnici, Bertu Schreiner, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Peppi Delceppo, Joe Mizzi, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Salvu 'Scotch' Scicluna, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Leli Stivala, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Demanuele.

1. L-ewwel goal wasal minn azzjoni mhux tas-soltu meta l-goalkeeper Bormliż Ġużi Bonnici kien ser jinkariga ruħu minn goal-kick, ħareġ bil-ballun sa tarf il-penalty area, reġa' daħal lura u xxuttja 'l fuq. Ir-referee Fannon ordna free-kick indirett li minnu Hibernians fetħu l-iskor. L-injoranza fir-regolamenti wasslet għall-ġlied fil-ground u anke bejn l-ispettaturi fejn kellha tidħol il-Pulizija bil-pompi tal-ilma biex tikkalma l-irjus sħan.

2. Bertu Schreiner tkeċċa fl-54 minuta wara li deher ixejjer bis-sieq lil Frans Xuereb ta' Hibernians. Is-sospensjoni tiegħu kienet ħarġet mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA wara diversi xhur fejn kien biss fis-7 ta' Ottubru, 1960, li tħabbar li Schreiner kien ġie sospiż għal tliet xhur.

3. Minbarra t-tkeċċija ta' Schreiner, St. George's lagħbu t-tieni taqsima mingħajr Ġużi Mizzi u Salvu Scicluna li t-tnejn weġġgħu u baqgħu fil-ground għan-numru. Scicluna, li kien ilu nieqes mil-logħba kontra Valletta tat-28 ta' Novembru 1959, mill-ewwel wera li kien għadu ma ġiex f'sikktu meta wara ftit minuti deher mhux qed jimxi sewwa.

4. Joe Cini rritorna fil-kampjonat Malti wara perjodu qasir jilgħab ma' Q.P.R fil-kampjonat Ingliż. Cini l-aħħar li kien lagħab fil-kampjonat kien kontra l-istess St. George's u Floriana f'partiti tal-Ewwel Round meta kien hawn Malta biex jilgħab mat-team Olimpiku Malti.

**03-04-1960:**
**Floriana FC – Sliema Wdrs. FC 1-1**
**H.T 1-1 Att: 7,618**
**Skorjaw: T. Cauchi (F) 19' u M. Walsh (S) 21'.**
**Referee: Flt. Lt. John Bent (R.A.F)**

*Floriana FC:* Albert Borg, Leonard Mizzi, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Fred Barry, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Twanny Sultana.

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Andrew Ellul, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Ray Edwards, Joseph Zammit, Albert Sant, Robbie Buttigieg, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Ġulinu Muscat.

1. Ġużi Bonnici kien ġie sospiż għal xahar mill-club Slimiż wara li lagħab fil-Final tan-Knock out tal-MISA ma' Ford Five Stars ta' Gasan kontra Wimpy. It-team ta' Gasan rebaħ 2-1. Ġurnata qabel Ġużi Bonnici flimkien ma' ħuh Salvu kienu ġew sospiżi mill-club wara li rriffjutaw li jinżlu għat-training jekk Sliema ma jħallsux il-pagamenti b'lura li kellhom ma' ħuhom l-ieħor Michael (tewmi ma' Ġużi) li kien jilgħab mar-Reserves ta' Sliema. L-aħbar tas-sospensjoni tal-aħwa ingħatat minn fuq il-Loudspeakers tal-Istadium minn membru tal-Kumitat ta' Sliema fejn dan ħeġġeġ lill-partitarji sabiex jattendu għar-Rally tas-Sibt, 9 ta' April, sabiex jingħataw id-dettalji kollha fuq il-każ.

2. Minħabba Laqgħa ta' Talb u Penitenza li kellha ssir dak in-nhar stess fil-għaxija fuq il-Fosos tal-Furjana, il-partita kienet bdiet fit-3.00 p.m, tliet kwarti qabel.

**09-04-1960:**
**Sliema Wdrs. FC – Ħamrun Sp. FC 2-2**
**H.T 1-1 Att: 3,311**
**Skorjaw: A. Sant (S) 2', R. Edwards (Ħ) o.g 24', S. Micallef (Ħ) 71' u Ġ. Muscat (S) pen. 85'.**
**Referee: Flt. Lt. John Bent (R.A.F)**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Joe Grima, Andrew Ellul, Rudyard Mifsud, Ray Edwards, Alex Gollcher, Ġulinu Muscat, Albert Sant, Maurice Walsh, Sammy Nicholl, Joseph Zammit.

*Ħamrun Sp. FC*: Ronnie Farrugia, Mifsud, George Cassar, Neville Mallia, Carmelo 'In-Nene' Grech, Armando Drago, Gejtu Briffa, Freddie 'It-Tirjule' Borg, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Silvio Micallef, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Inqala' pandemonju sħiħ hekk kif ħames minuti mit-tmiem ir-referee John Bent ordna li jerġa' jingħata mill-ġdid penalty favur Sliema Wanderers minħabba li l-goalkeeper Ronnie Farrugia kien iċċaqlaq qabel biex salva l-penalty ta' Ġulinu Muscat. Fil-protesti tkeċċa l-player Armando Drago. Meta l-penalty reġa' ingħata Farrugia reġa' salva t-tentattiv ta' Muscat iżda l-ballun ħarablu u spiċċa fix-xibka. Fi tmiem il-partita, ir-referee Bent ħtieġlu jingħata l-protezzjoni tal-Pulizija, mir-rabja tal-players tal-Ispartans. Fl-istess ħin xi partitarji Ħamruniżi dehru jheddu membri prominenti tal-MFA bil-Fire Engine tal-Pulizija tersaq qrib għal li jista' jinqala'. Fit-22 ta' April, il-Bord tad-Dixxiplina mmulta lil Armando Drago £2 u neħħieh għal għomru minn captain u lil Twanny Cassar £1. L-ebda player ma ġie sospiż.

2. Kien rapportat li r-referee Bent kien ġie attakkat minn persuni mhux magħrufa hekk kif kien dieħel lura d-dar tiegħu f'tas-Sliema wara l-partita. Fl-attakk kienu ħadulu ċ-ċwievet tad-dar.

3. B'riżultat ta' dan l-inkwiet, fit-13 ta' April, 1960, l-Inter Services Sports Board ma tax permess lir-referees Ingliżi biex ikomplu jikkontrollaw logħob tal-kampjonat Malti. Dan il-Bord qal lill-MFA li r-referee Bent qalilhom li hu ġie msawwat fil-ground, ittieħed id-dar f'karozza tal-pulizija, fejn xorta reġa' ġie attakkat tant li l-Pulizija ħasset il-ħtieġa li tibqa' għassa mad-dar tiegħu matul il-lejl. L-Inter Services Sports Board talab lill-MFA tinfurmah x'passi kienet ser tieħu fuq dan il-każ.

4. Sliema Wanderers kienu qed jilagħbu mingħajr Ray Edwards filwaqt li Ħamrun Spartans kienu mingħajr Johnnie Fondacaro. It-tnejn kienu jinsabu mat-team tar-Royal Air Force (RAF) li kien fuq tour f'Ċipru.

5. Fit-13 ta' April, 1960, Sliema Wanderers ħabbru li kienu qed iżidu s-sospensjoni ta' Ġużi Bonnici b'xahar ieħor wara li l-player reġa' lagħab ma' club mingħajr permess.

**10-04-1960:**
**Hibernians FC – Floriana FC 1-0**
**H.T 0-0 Att: 6,696**
**Skorja: Church (H) 75'.**
**Referee: Joseph Borg**

*Hibernians FC*: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġe-

mel' Privitera, Sunny Anastasi, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Joe Cini, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Floriana FC*: Albert Borg, Leonard Mizzi, Lolly Debattista, Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Billy Dalli, Lolly Borg, Tony 'Majsi' Cauchi, Twanny Sultana.

1. Fl-okkażjoni tal-uniku goal tal-partita, il-players ta' Floriana waqfu jistennew is-suffara tal-offside biex ħallew lill-player Fredu Church javvanza waħdu u jiskorja. Segwew protesti kbar mar-referee fejn kellha tidħol anke l-Pulizija fil-ground biex tikkalma s-sitwazzjoni. Meta deher li s-sitwazzjoni kkalmat u reġa' beda l-logħob, ir-referee keċċa lil Twanny Sultana wara li kompla jargumenta. Segwew aktar protesti.

2. Il-konfront laqqa' lill-aħwa Leli u Twanny Sultana kontra xulxin. Huhom l-ieħor Ritchie Sultana kien għadu qed jilgħab ma' Vittoriosa Stars. It-tliet aħwa kollha kienu bdew il-karriera tagħhom ma' Floriana filwaqt li fl-istaġun 1954-55 t-tlieta kienu fit-team ta' Vittoriosa Stars li kien rebaħ il-promozzjoni għall-Ewwel Diviżjoni.

3. Eddie Bonnett irritorna għal Floriana wara li skonta s-sospensjoni ta' żewġ partiti.

4. Fil-bidu tal-partita, għadd ta' Pulizija dehru fis-side hekk imsejħa 'Tal-Lagħba' fejn arrestaw lil Anthony Attard, Gunner fl-Armata, wara li beda jdur qalb in-nies u jgħajjat 'Min irid il-wieħed?' Fi tfittxija li saret fuqu il-Pulizija sabulu £56.

5. Floriana avżaw lill-Kunsill tal-MFA li kienu bagħtu l-ħlas ta' £7 lill-player tagħhom Pullu Demanuele bħala ħlas tax-xahar ta' Frar filwaqt li kienu qed iġeddu s-sospensjoni ta' Pullu Demanuele b'xahar ieħor b'effett mis-6 ta'April 1960. Dan wara li l-club kien għarraf lill-player li ma setax imur jilgħab partiti ma'clubs Għawdxin bħala guest player mingħajr permess. Minkejja dan Demanuele xorta baqa' imur jilgħab Għawdex.

Hibernians u Sliema Wdrs FC lagħbu partita aktar. Birkirkara FC u Valletta FC lagħbu partita inqas

*Klassifika*: Hibernians FC 16-il pt.; Valletta FC 14-il pt.; St. George's FC 12-il pt.; Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 11-il pt.; Marsa FC 6 pti.; Birkirkara FC u Ħamrun Sp. FC 5 pti.

*L-Aqwa Skorers*: F. Abela (Marsa FC) 8 goals; F. Zammit (Valletta FC) 7 goals; Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; T. Cauchi (Floriana FC) u F. Xuereb (Hibernians FC) 5 goals.

**Il-Ħdax-il Ġurnata**

**13-04-1960:**
**Valletta FC – St. George's FC 3-2**
**H.T 1-0 Att: 3,358**
**Skorjaw: M. Azzopardi (V) 35' u 50', N. Mizzi (S) 55', F. Zammit (V) 58' u E. Mizzi (S) 74'.**
**Referee: John Mitchell**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, George Curmi, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wizza' Mackay, Joe Cilia, Johnnie Darmanin, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*St. George's FC*: Pawlu Nappa, Karmenu Frendo, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Peppi Delceppo, Freddie Sultana, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Mifsud, Nenu 'Il-Beċċun' Mizzi, Eddie 'Il-Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Leli Stivala.

1. Kemm Lolly Cuschieri kif ukoll Bertu Schreiner setgħu jilagħbu f'din il-partita minkejja l-imġieba mhux xierqa tagħhom fl-aħħar ħarġa kontra Hibernians minħabba li l-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA li kien jiltaqa' kull nhar ta' Ġimgħa ma ltaqax minħabba d-Duluri. Schreiner ma lagħabx xorta waħda.

2. Minbarra Schreiner, St. George's FC kienu wkoll mingħajr il-goalkeeper regolari Ġużi Bonnici wara li ġie sospiż mill-club minħabba li ma kienx qed jinżel għat-training. Players oħra nieqsa kienu Ġużi Mizzi u Salvu Scicluna 'L-Iscotch', li kienu għadhom imweġġa'.

Minflokhom St. George's lagħbu lil-goalkeeper Pawlu Nappa, Freddie Sultana u Freddie Delia. Nappa, li kien qed jagħmel id-debutt tiegħu fl-Ewwel Diviżjoni, kien goalkeeper ta' Valletta Knights u kien intgħażel fit-team tal-MAFA XI meta dawn marru Sqallija. Hu kien iffirma ma' St. George's fis-sajf.

3. Player ieħor li ma deherx fl-ewwel ħdax tas-Saints kien Freddie Demanuele li wasal tard għall-partita. Huwa kien għadu kemm wasal minn Ċipru fejn kien hemmhekk mat-team tal-RAF u wasal fl-Istadium tal-Gżira nofs siegħa wara li bdiet il-partita. Minfloku lagħab Mifsud, li bħal Nappa, ukoll kien qed jiddebutta fl-Ewwel Diviżjoni.

4. Il-partita ntlagħbet fost il-ġimgħa sabiex Valletta jirkupraw il-logħba li kellhom b'lura kawża tal-mawra tat-team Malti Olimpiku fl-Afrika ta' Fuq.

**17-04-1960:**
**Marsa FC – Birkirkara FC 3-0**
**H.T 0-0 Att: 2,345**
**Skorjaw: F. Cauchi (M) 47' u F. Abela (M) 72' u 84'.**
**Referee: Anthony Galea**

*Marsa FC*: Schembri, Martin Attard, Sammut, Alfred Vassallo, Harold Henwood, Ernie Glynn, Sunny Attard, Żaren 'In-Najs' Formosa, Fredu 'Steak' Abela, Fredu Cauchi, Pawlu Attard.

*Birkirkara FC*: Nenu Bugeja, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, George Dalli, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Louis Bugeja, John Micallef, Carmelo Galea, Nenu Chircop, Leli Tonna, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Birkirkara daħħlu żewġ żagħżagħ mill-Minors, Carmelo Galea u Johnnie Micallef, fl-attakk tagħhom.

2. Marsa niżlu għal din il-partita mingħajr il-players Nenu Fabri, Franz Borg u Neriku Buttigieg fuq deċiżjoni tal-Kumitat.

**23-04-1960:**
**Birkirkara FC – Ħamrun Sp. FC 1-1**
**H.T 1-1 Att: 2,621**
**Skorjaw: F. Bonnici (B) 43' u T. Cassar (Ħ) 89'**
**Referee: Carmel Galea**

*Birkirkara FC:* Nenu Bugeja, Tony 'Euchar' Grech, Leli Mallia, George Dalli, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Louis Bugeja, Leli Theuma, Carmelo Galea, John Micallef, Nenu Chircop, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Ħamrun Sp. FC:* Ronnie Farrugia, Mifsud, George Cassar, Neville Mallia, John Fondacaro, Armando Drago, Gejtu Briffa, Charlie Parnis, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Silvio Micallef, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Charlie Parnis iddebutta mal-Ispartans. Huwa kien ġie akkwistat fis-sajf wara li fl-istaġun ta' qabel kien player ta' Għargħur Excelsior li din is-sena ma ramawx. Charles Parnis kien jiġi ħu Alfred Parnis, ex-player ta' Sliema Wanderers li minn din is-sena sieħeb lil Zebbuġ Rangers.

**27-04-1960:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 4-0**
**H.T 3-0 Att: 2,614**
**Skorjaw: Ċ. Xuereb (Hibs) 6', J. Cini (Hibs) 9' u L. Sultana (Hibs) 35' u 78'.**
**Referee: Salvu Pirotta**

Hibernians FC: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Sunny Anastasi, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Joe Cini, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

*Ħamrun Sp. FC:* Ronnie Farrugia, Mifsud, George Cassar, Neville Mallia, John Fondacaro, Armando Drago, Paul Mallia, Bertu Calleja, Carmelo 'In-Nene' Grech, Silvio Micallef, Twanny 'Il-Ginger' Cassar.

1. Il partita ntlagħbet l Erbgħa minħabba li l-Ħadd kien hemm il-Final tax-Scicluna Cup bejn Sliema Wanderers u Valletta.

Hibernians FC u Ħamrun Sp. FC lagħbu partita aktar. Valletta FC u Floriana FC lagħbu partita inqas

*Klassifika*: Hibernians FC: 18-il pt.; Valletta FC 16-il pt.; St. George's FC 12-il pt.; Floriana FC u Sliema Wdrs. FC 11-il pt.; Marsa FC 8 pti.; Birkirkara FC u Ħamrun Sp. FC 6 pti.

*L-Aqwa Skorers*: F. Abela (Marsa FC) 10 goals; F. Zammit (Valletta FC) 8 goals; F. Xuereb u L. Sultana (Hibernians FC); Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC) u M. Azzopardi (Valletta FC) 6 goals; F. Bonnici (Birkirkara FC); T. Cauchi (Floriana FC); E. Mizzi u N. Mizzi (St. George's FC) 5 goals.




Quartz De Vindecy, misjuq minn Ludovic Peltier, jirbaħ it-tiġrija tal-Klassi Premier
Ritratt - Mike Orland

# Jingħata bidu għal staġun ġdid

Fit-18 ta' Jannar li għadda, ingħata bidu għall-istaġun tat-tiġrijiet taż-żwiemel fejn s'issa saru sitt programmi ferm interessanti.

Fost dawn kien hemm it-tiġrija tal-Klassi Premier, tat-22 ta' Frar, li ġiet mirbuħa mill-ġerrej Franċiż, Ludovic Peltier.

F'din it-tiġrija tal-ogħla Klassi, ġrew b'kollox 11-il żiemel. Hawnhekk kien Quartz De Vindecy (Ludovic Peltier) fost l-aktar veloċi sa mill-bidu nett tat-tiġrija.

Tista' tgħid li dan il-Franċiż mexxa lill-kumplament taż-żwiemel għal parti twila tad-distanza u rreġistra l-ewwel rebħa tiegħu fi xtutna b'tul u nofs minn Quillian Joyeux (Andrew Farrugia) u Vejby Boom (Charles Camilleri). Gently Di Poggio (Michael Ellul). Kellu wkoll wirja tajba bi pjazzament fir-raba' pożizzjoni. Intant ir-rebbieħ kellu medja ta' 1.17.2" fil-kilometru.

Ir-riżultati tas-sitt programmi huma:

**Il-Ħadd, 18 ta' Jannar, 2015**

**Race 1 – (2140m) – Class Copper**
**Autostart**
1. Siderant (Ivan Stivala) – Ħin: 1'18"7
2. Loulou de la Rose (Carl Caruana)
3. Tornado Hornline (Charles Camilleri)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
1. Niko de Chamant (Victor Fenech) – Ħin: 1'18"0
2. Ormuz (Sam Cassar)
3. Quartes (Kevin Sciberras)

**Race 3 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
1. Neo di Mira (George Muscat) – Ħin: 1'17"6
2. Ramses de Tyrole (Anton Cassar)
3. Titus du Rib (Andrew Farrugia)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold**
**Autostart**
1. Lover Roc (Jurgen Attard) – Ħin: 1'16"1
2. Quel Imprevu (Carmelo Micallef)
3. Mont Cenis Honey (Noel Baldacchino)

**Race 5– (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
1. Pittacos (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'18"4
2. Pactolgo (Ludvig Ghigo)
3. Magnum (Kerstin Galea)

**Race 6 – (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
1. Andri Boko (Tony Demanuele) – Ħin: 1'17"6
2. Ogor (Anton Cassar)
3. Paco (Jeffrey Xerri)

**Race 7 – (2140m) – Class Premier**
**Autostart**
1. P.A.Surprise (Laura Cunningham) – Ħin: 1'16"8
2. Ourasi Diams (Anthony Fenech)
3. Lazer Crown (Rodney Gatt)

**Race 8 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
1. Udinese (Clint Vassallo) – Hin: 1'16"2
2. Quio de Nappes (Julian Farrugia)
3. Quent de Combourg (Noel Baldacchino)

**Il-Ħadd, 25 ta' Jannar, 2015**

**Race 1 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
1. Starfirefinnfemfel (Julian Farrugia) – Ħin: 1'18"2
2. Paolin de Bannes (Noel Baldacchino)
3. Quattro du Gite (Shaun Portelli)

**Race 2 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
1. Quersis (Bertrand Gatt) – Ħin: 1'19"5
2. Quiton d'Ouxy (Felix Casha)
3. Sherlock Holmes (Clint Vassallo)

**Race 3 – (2140m) – Class Gold**
**Autostart**
1. Qurieux du Ponchet (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"7
2. Prince Gaillard (Charles Camilleri)
3. Midnight Passion (Eric Bezzina)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold**
**Autostart**
1. Netter Williams (Redent Magro) – Ħin: 1'17"0
2. Pepita Ans (Rodeny Gatt)
3. Argus Hanover (Noel Baldacchino)

**Race 5 – (2140m) – Class Premier**
**Autostart**
1. Pronostic de Neige (Johann Axisa) – Ħin: 1'15"7
2. B.W.L.Champion (Noel Baldacchino)
3. Quattro d'Arline (Cliferty Calleja)

**Race 6 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
1. Udice Boko (Charles Camilleri) – Ħin: 1'18"8
2. Lonshults Erik (Julian Farrugia)
3. Zwinger Bobber (Rodney Gatt)

**Il-Ħadd, 1 ta' Frar, 2015**

**Race 1 – (2640m) – Class Bronze**
**Autostart**
1. Quipo du Tronquay (Mario Borg GH) – Ħin: 1'20"3
2. Tap Tiara (Noel Baldacchino)
3. Quatrain de Retz (Alex Catania)

**Race 2 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
1. Super Visor (Christian Xerri) – Ħin: 1'19"7
2. Eject (Redent Magro)
3. Noble Raun (Carmelo Farrugia)

**Race 3 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Starfirefinnfemfel (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"9
2. Quel Homme (Noel Baldacchino)
3. Carnegie Hall (Redent Magro)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Lover Roc (Jurgen Attard) – Ħin: 1'17"3
2. Mont Cenis Honey (Clint Vassallo)
3. Sobel Goldie (Julian Farrugia)

**Race 5 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Record du Mexique (Marvin Cauchi) – Ħin: 1'17"9
2. Prince Gaillard (Charles Camilleri)
3. Quel Imprevu (Carmelo Micallef)

**Race 6 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Quito de Neret (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'17"0
2. Troy Boshoeve (Salvu Vella)
3. Wies Buitenzorg (Eric Bezzina)

**Race 7 – (2640m) – Class Premier Autostart**
1. Lage (Marco Refalo) – Ħin: 1'17"0
2. Madam di Poggio (Julian Farrugia)
3. Quobernador (Matthew Sammut)

**Race 8 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Pepone du Castelet (Charles Camilleri) – Ħin: 1'18"2
2. Quermes Rush (Noel Baldacchino)
3. Ofackevo (Julian Farrugia)

**Race 9 – (2640m) – Class Silver Autostart**
1. Quid de Belle Vue (Martin Grech) – Ħin: 1'17"9
2. Sjohultets Goofy (Noel Baldacchino)
3. Famour Faberge (Mario Fenech)

## Il-Ħadd, 8 ta' Frar, 2015

**Race 1 – (2640m) – Class Copper Autostart**
1. Dreamed Victory (Jeffrey Said) – Ħin: 1'20"5
2. Voila Dry (Ivan Bilocca)
3. Jens (Carl Magro)

**Race 2 – (2640m) – Class Copper Autostart**
1. Absolutelymeadow (Kurt Saliba) – Hin: 1'19"6
2. My Lady FI (Julian Farrugia)
3. Sjohultets Tigra (Charles Farrugia)

**Race 3 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
1. Uyong de Carsi (Patrick Spiteri) – Ħin: 1'18"6
2. Romeo du Rib (Charles Camilleri)
3. Prince November (Carmel Cauchi)

**Race 4 – (2640m) – Class Silver Autostart**
1. Ramses de Melleray (Joe Schembri) – Ħin: 1'20"4
2. Seul en Tete (Charles Camilleri)
3. Quent de Combourg (Noel Baldacchino)

**Race 5 – (2640m) – Class Bronze Autostart**
1. Pema (Charles Farrugia) – Ħin: 1'19"0
2. Newman (Rodney Gatt)
3. Big Hit (Charles Camilleri)

**Race 6 – (2640m) – Class Silver Autostart**
1. Udinese (Clint Vassallo) – Ħin: 1'17"5
2. Quio de Nappes (Julian Farrugia)
3. Paolin de Bannes (Noel Baldacchino)

**Race 7 – (2640m) – Class Premier Autostart**
1. Quillian Joyeux (Andrew Farrugia) – Ħin: 1'15"8
2. Gently di Poggio (Michael Ellul)
3. Zalgado Transs R (Noel Baldacchino)

**Race 8 – (2640m) – Class Silver Autostart**
1. Ramses de Tyrole (Anton Cassar) – Ħin: 1'19"8
2. Qumran de la Motte (Michael Ellul)
3. Querido Censerie (Julian Farrugia)

**Race 9 (2640m) Class Premier Autostart**
1. Quattro D'Arline (Cliferty Calleja) – Ħin: 1'17"6
2. Absolut Spender (Mark Desira)
3. Veikko Hornline (Julian Farrugia)

**Race 10 – (2640m) – Class Silver Autostart**
1. Rumeur (Rodeny Gatt) – Ħin: 1'18"4
2. Sherlock Holmes (Clint Vassallo)
3. Neo di Maria (George Muscat)

## Il-Ħadd, 15 ta' Frar, 2015

**Race 1 – (2140m) – Class Copper Autostart**
1. Jens (Carl Magro) – Ħin: 1'18"9
2. Loulou de la Rose (Carl Caruana)
3. Parce Que (Christopher Grech)

**Race 2 – (2140m) – Class Copper Autostart**
1. Tornado Hornline (Charles Camilleri) – Ħin: 1'20"2
2. Brokkur T.Y.C (Peter Farrugia)
3. Sjohultets Tigra (Charles Farrugia)

**Race 3 (2140m) Class Silver Autostart**
1. Paolin de Bannes (Julian Farrugi) – Ħin: 1'17"1
2. Quattro du Gite (Shaun Portelli)
3. Quarus de Levres (Charles Camilleri)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Ripsos de Fa (Ivan Bilocca) – Ħin: 1'16"4
2. Radjah de Marzy (Patrick Spiteri)
3. Presidential (Michael Ellul)

**Race 5 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Rumeur (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"3
2. Ramses de Tyrole (Anton Cassar)
3. Super Qui (Paul Galea)

**Race 6 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Quito de Neret (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'15"5
2. Record du Mexique (Marvin Cauchi)
3. Quel Homme (Rodney Gatt)

**Race 7 – (2140m) – Class Silver Autostart**
1. Zwinger Bobber (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"1
2. Sjohultets Goofy (Noel Baldacchino)
3. Rex Rose (Patrick Spiteri)

**Race 8 – (2140m) – Class Premier Autostart**
1. Nico Oland (Julian Farrugia) – Ħin: 1'15"7
2. Madam di Poggio (Noel Baldacchino)
3. Zwack (Eric Bezzina)

**Race 9 (2140m) Class Gold Autostart**
1. Prince Gaillard (Charles Camilleri) – Ħin: 1'16"6
2. Wies Buitenzorg (Eric Bezzina)
3. Cowboy Party (Christopher Cassar)

**Race 10 – (2140m) – Class Premier Autostart**
1. Absolut Spender (Mark Desira) – Ħin: 1'16"2
2. Quebir de l'Aube (Clint Vassallo)
3. P.A.Surprise (Laura Cunningham)

**Race 11 – (2140m) – Class Gold Autostart**
1. Rex du Brand (Charles Farrugia) – Ħin: 1'15"2
2. Over Oaks (Carl Caruana)
3. Oeillet de Phens (Rodeny Gatt)

## Il Ħadd, 22 ta' Frar, 2015

**Race 1 – (2140m) – Silver Autostart**
1. Andorra (Brian Zammit) – Ħin: 1'19"2
2. Selestin (Raymond Schembri)
3. Andri Boko (Tony Demanuele)

**Race 2 – (2140m) – Silver Autostart**
1. Cal Win (Paul Galea) – Ħin: 1'19"4
2. Wonderofyou (Julian Farrugia)
3. Neo De Mira (George Muscat)

**Race 3 – (2140m) – Gold Autostart**
1. Netter Williams (Redent Magro) – Ħin: 1'18"2
2. Leader di Poggio (James Briffa)
3. Pan des Couperies (Charles Camilleri)

**Race 4 – (2140m) – Bronze Autostart**
1. Roff Gy (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'18"9
2. Noble Raun (Carmelo Farrugia)
3. Willesden Hanover (Wayne Farrugia)

**Race 5 – (2140m) – Bronze Autostart**
1. Uranium des Arkads (Kurt Saliba) – Ħin: 1'20"1
2. Noble de Fontaine (Sandro Cutajar)
3. Adream Wish (Mark Mifsud

**Race 6 – (2140m) – Bronze Autostart**
1. Roc des Rayons (Gilbert Farrugia) – Ħin: 1'19"8
2. Orio de Marancourt (Francis Cassar)
3. Milano du Gite (Alex Cortis)

**Race 7 – (2140m) – Bronze Autostart**
1. Notre Joyeux (Charles Camilleri) – Ħin: 1'18"9
2. Nimbus Bjerregard (Mario Farrugia)
3. Obscur de Busset (Shaun Portelli)

**Race 8 (2140m) Bronze Autostart**
1. Paco (Christian Xerri) – Ħin: 1'18"6
2. Big Hit (Redent Magro)
3. Absolutelymeadow (Kurt Saliba)

**Race 9 – (2140m) – Premier Autostart**
1. Quartz de Vindecy (Ludovic Peitier) – Ħin: 1'17"2
2. Quillian Joyeux (Andrew Farrugia)
3. Vejby Boom (Charles Camilleri)

**Race 10 – (2140m) – Bronze Autostart**
1. Record du Stade (Charles Camilleri) – Ħin: 1'19"6
2. Prince November (Marvin Cauchi)
3. Principessa Caf (Carl Caruana)

**Race 11 – (2140m) – Bronze Autostart**
1. Reflex de Crennes (Joseph Magro) – Ħin: 1'18"6
2. Winner Farming (Joseph Bartolo)
3. Sandrone (Jason Vassallo)

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk Real Madrid

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.
Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.
Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon.
Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Real Madrid ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 94

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 94 huwa:
**Tarcisio Debono - Mosta**





# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 94

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T | A | X | H | A | J | M | A | | B | U | R | K | E |
| A | | A | | L | | O | | A | | Z | | O | |
| V | E | N | T | O | S | O | | F | R | E | N | C | U |
| I | | D | | N | | R | I | C | O | H | | S | |
| L | O | R | I | S | | E | N | | O | | N | I | S |
| L | | U | | O | M | | N | A | N | T | E | S | |
| A | R | | D | | I | B | U | | E | | T | | B |
| | I | | U | C | L | | | R | Y | B | O | | R |
| O | P | E | N | | L | | G | I | | O | | G | I |
| | A | | C | R | A | W | L | E | Y | | A | | O |
| | R | | A | Y | R | | | R | | | L | O | |
| E | D | E | N | | | D | E | A | N | O | V | | K |
| R | | S | | A | | | N | | U | | I | | I |
| N | | T | E | N | P | I | N | | S | A | N | O | N |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu żewġ memberships ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Marzu, 2015:
**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Rebbieħa Ħarġa nru 94: Charles Farrugia (Birkirkara), Joe Agius (Qormi)**

**Mimdudin**

1) Danny, midfilder ta' Leicester FC li "ma' jaqbdux għatx" (10)
7) Jeff du .... Morin, żiemel veteran Franċiż (4)
8) Marko Hasa ........, baskitboler barrani ta' Pavi Depiro (9)
9) Nickey, rebbieħ tal-Moto GP fl-2006 (6)
11) L-istadium u sponsor ewlieni ta' US Sassuolo Calcio (5)
12) Baldacchino, jockey Malti ta' fama kbira (4)
14) "Say .. to Match Fixing " (2)
16) Tonna, boxer internazzjonali Malti (5)
19) Kiplagat, maratoneta Kenjana 'tad-deheb' (4)
20) Agius, difensur ċentrali ta' Hibernians u Malta (6)
21) FSV ....., klabb tal-Futbol fil-Bundesliga (5)
22) Ir-rally famuż tal-karozzi, muturi, quadbikes u trak-kijiet! (5)
23) Attard, futboler femminili ta' Kikop Utd FC (4)
25) Klabb tal-Futbol Franċiż imwaqqaf fit-Tieni Gwerra Dinjija (6)
26) Walcott riesaq lejn il-200 partita mal-Gunners (4)
30) Women's Tennis Association (1,1,1)
31) Evans, il-futboler minn Wales fl-aħbarijiet kurrenti (4)
34) Difensur ċentrali Brażiljan ta' Benfica FC (6)
35) Albin, midfilder Svediż ta' Cagliari (5)

**Weqfin**

1) Sébastien, baskitboler barrani ta' Floriana (11)
2) Club Atlético ............., 110 snin fil-Futbol Arġentin (13)
3) Valeri, kowċ attwali ta' Mallorca FC (6)
4) Grech, eks-president tal-Gozo Football Association (5)
5) Klabb f'La Liga Spanjola imwaqqaf fl-1923 (5)
6) L-aħwa ......, suċċess fli sport tal-Muturi f'Malta (6)
7) Nelson Mandela ... Stadium - Afrika t'Isfel 2010 (3)
10) John, eks attakkant Irlandiż ta' Liverpool FC (8)
13) Karl, eks midfilder offensiv Svizzeru fil-FIFA WC 1966 (8)
15) "Auto-Goal" jew "...-Goal" (3)
17) Vucinic, eks attakkant ta' Roma u Juventus (5)
18) Wolfgang irreffja 3 partiti fil-FIFA WC 2010 (5)
20) L-Istadium li ospita l-finali tal-FIFA WC 1970 u 1986 (5)
24) u 33) Assocjazzjoni Sport Muturi u Karozzi (1,1,1,1)
27) Cassius, żiemel Svediż ta' 11-il sena (4)
28) Ivica, eks midfilder u kowċ Jugoslav (4)
29) ".... Fighter", żiemel Franċiż ta' 13-il sena (4)
32) Half-Time (1,1)
33) Ara 24 Weqfin

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St  Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00
Sat 08.00 - 18.00
Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230
6 months €160
3 months €110
1 month €50
daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt